MT

MT MT

|IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 3.12.2008
KUMM(2008) 820 finali

2008/0243 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat

(Riformolata)

{SEG(2008) 2962}
{SEG(2008) 2963}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta hija riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003/KE tat-18 ta' Frar 2003 dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitati f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament ta' Dublin).[1]

Il-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistema ta' Dublin maħruġ fis-6 ta' Ġunju 2007 (minn hawn 'il quddiem: ir-Rapport ta' Evalwazzjoni dwar Dublin)[2] kif ukoll kontribuzzjonijiet mibugħta minn diversi partijiet interessati bi tweġiba għall-proċess ta' konsultazzjoni tal-*Green Paper*[3] identifikat numru ta' nuqqasijiet relatati prinċipalment mal-effiċjenza tas-sistema stabbilita mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi attwali u l-livell ta' protezzjoni mogħti lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li huma soġġetti għall-proċedura ta' Dublin. Il-Kummissjoni għalhekk tixtieq temenda r-Regolament ta' Dublin sabiex, minn naħa l-waħda, ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema, u minn naħa l-oħra, tiżgura li l-bżonnijiet tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali huma indirizzati b'mod komprensiv skont il-proċedura li tiddetermina r-responsabbiltà. Barra minn dan, f'konformità mal-Pjan Politiku dwar l-Ażil[4] il-proposta għandha l-ghan li tindirizza sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fuq il-kapaċitajiet ta' riċezzjoni u s-sistemi ta' ażil tal-Istati Membri, kif ukoll sitwazzjonijiet fejn m'hemmx livell adegwat ta' protezzjoni għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Kif imħabbar fil-Pjan Politiku dwar l-Ażil, din il-proposta hija parti mill-ewwel pakkett ta' proposti li għandu l-għan li jiżgura livell ta' armonizzazzzjoni ogħla u standards ta' protezzjoni aħjar għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (minn hawn 'il quddiem CEAS). Dan huwa għalhekk adottat fl-istess ħin tat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament tal-Eurodac[5] u t-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza[6]. Fl-2009, il-

---

[1] ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1

[2] Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tas-sistema ta' Dublin, COM (2007) 299 finali - SEC (2007) 742. Is-"sistema ta' Dublin" għandha l-għan li tiddetermina liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil imressqa minn ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri. Din tikkonsisti mir-Regolamenti Dublin u Eurodac.

[3] Il-*Green Paper* dwar il-futur tas-sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, COM (2007) 301.

[4] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar 'il-Pjan Politiku dwar l-Ażil Approċċ Intergat għall-Protezzjoni madwar l-UE', 360, 17 ta' Ġunju 2008, COM (2008) 360, COM (2008) 360.

[5] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għal-paragun tal-marki ta' swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) No […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat COM (2008) 825.

[6] Proposta għall-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxu l-ażil, COM (2008) 815.

Kummissjoni se tipproponi li temenda id-Direttiva dwar il-Kwalifiki[7] u d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil[8]. Barra minn dan, fl-ewwel tliet xhur tal-2009 il-Kummissjoni se tipproponi it-twaqqif ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew dwar l-Ażil, li se jkollu l-għan li jipprovdi assistenza prattika lill-Istati Membri biex dawn jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-pretensjonijiet għall-ażil. L-Uffiċċju ta' Appoġġ se jipprovdi wkoll assistenza lill-Istati Membri li qegħdin jiffaċċjaw pressjonijiet partikolari fuq is-sistema ta' ażil nazzjonali tagħhom, notament minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, biex jikkonformaw mal-ħtiġijiet tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, billi jipprovdi esperti speċifiċi u appoġġ prattiku.

- **Kuntest ġenerali**

F'żona mingħajr kontrolli nal-fruntieri interni tal-Istati Membri, kien hemm bżonn mekkaniżmu biex ikun iddeterminat ir-responsabbiltà tal-applikazzjonijiet għall-ażil iddepożitati fl-Istati Membri sabiex, fin-naħa l-waħda, ikun garantit aċċess effettiv għall-proċeduri biex ikun iddeterminat status ta' rifuġjat u biex ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil b'ħeffa u, min-naħa l-oħra, biex jipprevjeni l-abbużż tal-proċeduri tal-ażil fil-forma ta' applikazzjonijiet multipli għall-ażil magħmula mill-istess persuna f'diversi Stati Membri bl-għan waħdieni li t/jestendi ż-żjara tiegħu/tagħha fl-Istati Membri.

L-arranġamenti biex tkun iddeterminata r-responsabbiltà għall-konsiderazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil kienu inizjalment parti mill-Konvenzjoni intergovernattiva ta' Schengen, u kienu sostituti mill-Konvenzjoni li tiddetermina l-Istat responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet għall-ażil iddepożitati f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej, magħrufa bħala "il-Konvenzjoni ta' Dublin"[9]. Ir-Regolament tal-Kunsill 2725/2000/KE tal-11 ta' Diċembru 2000 biex jistabbilixxi l-Eurodac (sistema mifruxa mal-Komunità kollha biex tqabbel il-marki tas-swaba" tal-applikanti għall-ażil) kienet addottata biex tappoġġja l-operat tal-Konvenzjoni ta' Dublin (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament Eurodac)[10].

Biex ikun implimentat l-Artikolu 63(1)(a) tat-Trattat tal-KE li jirrikjedi s-sostituzzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin bi strument legali Komunitarju u biex tirrispondi għax-xewqa espressa mill-konkluzjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere ta' Ottubru 1999, ġie adottat ir-Regolament ta' Dublin fi Frar 2003.

Ir-Regolament ta' Dublin huwa kkonsidrata bħala l-ewwel ġebla tax-xewka għas-CEAS. Dan tejjeb il-Konvenzjoni ta' Dublin b'mod sinifikanti, b'numru ta' innovazzjoijiet, u kien il-bażi tal-istess prinċipji ġenerali, b'mod partikolari il-fatt li r-responsabbiltà biex tkun eżaminata applikazzjoni taqa' primarjament għand l-Istat Membru li kellu l-ikbar parti fid-dħul u r-residenza tal-applikant fit-territorji tal-Istati Membri, b'xi eċċezzjonijiet maħsuba biex tipproteġi l-unità tal-familja.

7 Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat bħala refuġjati jew bħala persuni li għal xi raġuni oħra jeħtieġu protezzjoni internazzjonali , GU L 304, 30.9.2004, p.12.

8 Council Directive 2005/85/EC dwar standards minimi għal proċeduri fi Stati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat, ĠU L 326, 13.12.2005, p.13.

9 ĠU C 254, 19.08.1997, p. 1. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1997 għat-tnax il-firmatarju oriġinali, fl-1 ta' Ottubru 1997 għall-Awstrija u l-Iżveżja, u fl-1 ta' Janna 1998 għall-Finlandja.

10 ĠU L 316, 15.12.2000, p.1.

Il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni biex tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-ewwel fażi tal-istrumenti legali dwar l-ażil u biex tressaq l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jkunu adottati qabel l-aħħar tal-2010. Ir-Rapport ta' Evalwazzjoni dwar Dublin ikkonkluda li b'mod ġenerali, l-għanijiet prinċipali tas-sistema, priċipalment biex ikun stabbilit mekkaniżmu ċar u li jaħdem biex tkun iddeterminata r-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet tal-ażil, il-biċċa l-kbira ntleħqu, iżda jibqa' xi tħassib, kemm dwar l-applikazzjoni prattika kif ukoll dwar l-effettività tas-sistema. Barra minn dan, it-tweġibiet għall-*Green Paper* identifikaw ukoll numru ta' nuqqasijiet importanti fil-protezzjoni mogħtija lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jiġu effettwati mir-Regolament ta' Dublin.

Għaldaqstant, din l-proposta biex ikun emendat ir-Regolament ta' Dublin twieġeb għall-istedina tal-Programm tal-Aja u għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

Barra minn dan, il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza mal-iżviluppi fl-*acquis* tal-ażil tal-UE, b'mod partikolari mad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil, mad-Direttiva tal-Kwalifiki u mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE dwar l-istandards minimi tal-akkoljenza ta' persuni jfittxu l-ażil (minn hawn 'il quddiem: Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza)[11].

Analiżi dettaljata tal-problemi identifikati fir-rigward ta' dan ir-Regolament u dwar il-preparazzjoni mwettqa għar-reviżjoni tiegħu, l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-għażliet sekondarji politiċi u l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-għażla politika preferita huma inklużi fil-Valutazzjoni tal-Impatt, mehmuż ma' din il-proposta.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fl-ambitu tal-proposta**

"Is-sistema ta' Dublin tikkonsisti fir-Regolamenti ta' Dublin u tal-Eurodac, u ż-żewġ Regolamenti ta' Implimentazzjoni tagħhom. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ta' Dublin)[12] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002 tat-28 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jimplimetaw ir-Regolament ta-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għal-paragun ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[13].

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta numru ta' strumenti soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju[14] addatat diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Dublin għal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dawn huma inkorporati fil-proposta attwali.

---

11 ĠU L 31, 6.2.2003, p.18
12 ĠU L 222, 5.9.2003, p.3
13 ĠU L 62, 5.3.2002, p.1.
14 ĠU L 304, 14.11.2008, p.80.

- **Konsistenza ma' oqsma ta' politika oħra**

Din il-proposta taqbel b'mod sħiħ mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-1999 u l-programm tal-Aja tal-2004 rigward it-twaqqif tas-CEAS. Hija wkoll kompatibbli b'mod sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward id-dritt għall-ażil u l-protezzjoni tad-dejta personali.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-Kummissjoni daħlet għal approċċ doppju għall-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin: evalwazzjoni teknika u politika. L-evalwazzjoni teknika (ir-Rapport ta' Evalwazzjoni dwar Dublin) kien ibbażat fuq firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, inklużi tweġibiet għal kwestjonarju dettaljat mibgħut mill-Kummissjoni fl-Lulju 2005, diskussjonijiet regolari f'laqgħat ta' esperti u statistika. Kontribuzzjonijiet minn partijiet interessati oħra, b'mod partikolari mill-UNHCR u minn organizzazzjonijiet tas-"soċjetà ċivili" ukoll ġew meqjusa bir-reqqa. Il-konsultazzjoni bbażata fuq il-*Green Paper* dwar il-futur tas-CEAS serviet bħala evalwazzjoni tal-politika. Ir-rispons għal din il-konsultazzjoni pubblika kien jinkludi 89 kontribuzzjoni minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati. Il-kwestjonijiet imqajjma u s-suġġerimenti magħmula waqt il-konsultazzjoni pprovdew il-bażi prinċipali għall-preparazzjoni tal-Pjan ta' Politika dwar l-Ażil, li jistabbilixxi skeda ta' progress għas-snin li ġejjin u jelenka l-miżuri li l-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi sabiex titlesta t-tieni fażi tas-CEAS, inkluż fost l-oħrajn il-proposta biex ikun emendat ir-Regolment ta' Dublin.

Fil-5 ta' Marzu 2008 s-servizzi tal-Kummissjoni ddiskutew b'mod informali l-limiti wesgħin ta' din il-proposta mal-Istati Membri fil-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil (CIA). Barra minn dan, kienu organizzati wkoll laqgħat ta' esperti bejn Ottubru 2007 u Lulju 2008 għall-prattikanti fl-Istati Membri, il-UNHCR u l-NGOs, avukati, u mħallfin u Membri tal-Parlament Ewropew sabiex ikun magħruf l-fehma tagħhom dwar it-titjib li hemm bżonn għar-Regolament ta' Dublin.

Mill-proċess ta' konsultazzjoni jidher li l-maġġoranza tal-Istati Membri jippreferu jżommu l-prinċipji ewlenin tar-Regolament ta' Dublin, waqt li jirrikonoxxu l-bżonn li jiġu mtejba ċerti aspetti, prinċipalment relatati mal-effiċjenza. Min-naħa l-oħra, ħafna organizzzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-UNHCR jappoġġjaw approċċ fondamentalment differenti, ibbażat fuq l-allokazzjoni tar-responsabbiltà skont fejn issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Madanakollu, fin-nuqqas ta' rieda politika għal tibdil bħal dan, dawn jitolbu biex il-bżonnijiet ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jkunu indirizzati aħjar fi ħdan ir-Regolament. Il-Parlament Ewropew f'rapport adottat fit-2 ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin[15], issuġġerixxa diversi modi ta' titjib għas-sistema attwali, li l-maġġoranza tagħhom huma orjentati lejn il-protezzjoni.

Il-proposta tal-Kummissjoni tqis it-tħassib muri mill-partijiet kollha interessati. Waqt li tipproponi li żżomm il-prinċipji bażiċi tar-Regolament ta' Dublin, il-Kummissjoni tqis li huwa partikolarment importanti li jkunu indirizzati t-tħassib kemm relatat mal-effiċjenza kif ukoll mal-protezzjoni fil-proposta attwali.

---

[15] P6_TA-PROV(2008)0385

## 3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

L-għan ewlieni tal-proposta huwa biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema u biex ikunu żgurati standards iktar għoljin għall-protezzjoni ta' persuni li jaqgħu taħt "il-proċedura ta' Dublin". Fl-istess ħin, il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi biex tindirizza aħjar is-sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fuq il-faċilitajiet ta' akkoljenza u s-sistemi ta' ażil tal-Istati Membri.

Il-proposta żżomm l-istess prinċipji bażiċi tar-Regolament ta' Dublin eżistenti, jiġifieri li r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali qegħda f'idejn l-Istat Membru li kellu l-ikbar parti fid-dħul jew ir-residenza tal-applikant fit-territorji tal-Istati Membru, soġġetta għall-eċċezzjonijiet maħsuba biex jipproteġu l-unità tal-familja.

Barra minn dan, il-proposta ġeneralment iżżomm in-natura tal-istrument li hija bażikament li jkun stabbilit l-obbligi tal-Istati Membri lejn xulxin, u biex jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw l-obbligi tal-Istati Membri lejn persuni jfittxu l-ażil soġġetti għar-Regolament ta' Dublin biss safejn dawk id-dispożizzjonijiet jeffettwaw il-kors tal-proċeduri bejn l-Istati Membri jew huma neċessarji biex jiżguraw il-konsistenza ma strumenti oħra tal-ażil. Madanakollu, kien propost kemm li s-salwagwardji proċedurali attwali jkunu mtejba sabiex ikun żgurat livell ogħla ta' protezzjoni kif ukoll li jiġu inklużi salvagwardji ġodda sabiex jitjieb ir-rispons għall-bżonnijiet partikolari ta' persuni soġġetti għall-proċedura ta' Dublin, waqt li fl-istess ħin ikun hemm rieda biex ikunu evitati nuqqasijiet fil-protezzjoni tagħhom.

Din il-proposta tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

*1. L-ambitu tar-Regolament u l-konsistenza mal-acquis dwar l-ażil*

Il-proposta testendi l-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament sabiex tinkludi l-applikanti għall- (u l-benefiċjarji tal-)protezzjoni sussidjarja. Din il-bidla hija kkonsidrata neċessarja sabiex tiżgura l-konsistenza mal-*acquis* tal-UE, jiġifieri mad-Direttiva tal-Kwalifika li introduċiet in-nozzjoni legali ta' protezzjoni sussidjarja. Barra minn dan, il-proposta tallinja t-terminoloġija u d-definizzjonijiet użati fir-Regolament ma' dawk fi strumenti oħra tal-ażil.

*2. L-effiċjenza tas-sistema*

Bil-għan li tiżgura li l-proċedura li tiddetermina r-responsabbiltà taħdem sew, kienu proposti numru ta' bidliet, b'mod partikolari:

- Li jkun stabbilit żmien limitu għat-tressiq tat-talbiet għat-teħid lura tar-responsabbiltà u li ż-żmien limitu għat-tweġibiet għat-talbiet għall-informazzjoni jkun imnaqqas; li jkun introdott żmien limitu għat-tweġibiet għat-talbiet fuq raġunijiet umanitarji u jkun iċċarat li t-talbiet għal raġunijiet umanitarji jistgħu jsiru fi kwalunkwe ħin. Dawn il-bidliet għandhom l-għan li jiżguraw li l-proċedura li tiddetermina r-responsabbiltà issir iktar effiċjenti u veloċi;

- Il-klawsoli dwar it-tmiem tar-responsabbiltà ġew iċċarati partikolarment fir-rigward taċ-ċirkustanzi li fihom għandhom japplikaw klawsoli tat-tmiem, l-Istat Membru li għandu l-oneru tal-prova u l-konsegwenzi tat-tmiem tar-responsabbiltà. Dawn il-kjarifiki għandhom l-għan li jiżguraw applikazzjoni iktar uniformi tar-Regolament u jnaqqsu d-diverġenzi fl-interpretazzjoni mill-Istati Membri li jistgħu jikkumplikaw jew idewmu d-determinazzjoni ta' liema Stat Membru huwa responsabbli;

- Iċ-ċirkustanzi u l-proċeduri biex ikunu applikati klawsoli diskrezzjonali (umanitarja u ta' sovranità) ġew iċċarati, bil-għan fost l-oħrajn li jiżguraw applikazzjoni iktar uniformi u effiċjenti tar-Regolament mill-Istati Membri. Id-dettalji tal-bidliet magħmula għal dawn il-klawsoli huma miżjuda fil-punt 4;

- Ir-regoli dwar it-trasferimenti ġew miżjuda, jiġifieri dwar it-trasferimenti żbaljati u l-ispejjeż tat-trasferimenti. Dispożizzjoni ġdida dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni relevanti qabel isiru t-trasferimenti hija miżjuda (id-dettalji jinstabu fil-punt 5), minħabba, fost l-oħrajn l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-arranġamenti prattiċi tat-trasferimenti;

- Il-mekkaniżmu ta' soluzzjoni ta' tilwim attwali, ipprovdut bħalissa mir-Regolament ta' Implimentazzjoni ta' Dublin biss għad-diverġenzi bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-klawsola umanitarja, ġie estiż sabiex ikopri kwestjonijiet ta' tilwim dwar l-applikazzjoni tar-Regolament sħiħ.

- Sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jiġbru l-informazzjoni kollha biex jidentifikaw l-Istat Membru responsabbli u, jekk hemm bżonn, sabiex jinfurmaw oralment lill-applikant dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, iddaħħlet dispożizzjoni dwar l-organizzazzjoni ta' intervista obbligatorja. Din għandha l-għan kemm li żżid l-effiċjenza tas-sistema billi tiffaċilita l-applikazzjoni tagħha, kif ukoll li tipprovdi salwagwardji adegwati għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

### *3. Salvagwardji legali għall-persuni li jaqgħu taħt il-proċedura ta' Dublin*

Sabiex jissaħħu s-salvagwardji legali għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u biex ikunu jistgħu jiddefendi d-drittijiet tagħhom aħjar, il-proposta tintroduċi numru ta' bidliet:

- Il-kontenut, il-forma u ż-żmien biex tkun ipprovduta informazzjoni lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali huma speċifikati f'iktar dettall fir-Regolament. Barra minn hekk, il-proposta tbassar l-adozzjoni ta' fuljett informattiv komuni biex jintuża madwar l-Istati Membri. L-infurmar aħjar tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali dwar l-implikazzjonijiet tar-Regolament ta' Dublin se jżid l-għarfien tagħhom tal-proċedura li tiddetermina r-responsabbiltà, li tista', fost l-oħrajn, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-fenomenu ta' ċaqliq sekondarju;

- Id-dritt għall-appell kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, flimkien mal-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti biex jiddeċiedu jekk l-infurżar tagħha għandiex tkun sospiża jew le u jekk il-persuna kkonċernata tistax tibqa' fit-territorju sakemm tittieħed id-deċiżjoni, huma stabbiliti. Barra minn dan, id-dritt għall-assistenzau/jew rappreżentanza legali, u fejn neċessarju assistenza lingwistika, huwa ċċarat u l-proċess ta' notifika huwa ċċarat iktar biex ikun żgurat dritt iktar effettiv biex jitfittex rimedju.

- Ġiet inkluża dispożizzjoni ġdida li tfakkar il-prinċipju bażiku li persuna m'għandhiex tinżamm f'detenzjoni għas-sempliċi raġuni li hu/hi qed titlob protezzjoni internazzjonali. Dan il-prinċipju jikkonferma l-*acquis* tal-UE dwar id-dentenzjoni, b'mod partikolari id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil u wkoll jiżgura konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u strumenti dwar id-drittijiet tal-bniedem internazzjonali bħal ma huma l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura, u Trattament jew Kastig Ieħor Diżuman u Degradanti. Barra minn dan, sabiex ikun żgurat li d-detenzjoni ta' persuna

tfittex l-ażil skont il-proċedura ta' Dublin ma tkunx arbitrarja, huma proposti raġunijiet speċifiċi limitati għal din id-detenzjoni. L-istess livell ta' trattament bħal ta' persuna tfittex l-ażil f'detenzjoni, regolat skont il-proposta li temenda d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza, ġie applikat ukoll għall-każijiet ta' Dublin. Bħal fil-proposta li temenda d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza, is-sitwazzjoni speċjali tal-minorenni u dik tal-minorenni mhux akkumpanjat huma meħuda f'konsiderazzjoni billi ġew stabbiliti regoli speċifiċi għalihom. Billi din id-dispożizzjoni hija biss dwar ir-raġunijiet limitati għad-detenzjoni ta' persuni li jaqgħu taħt il-proċedura ta' Dublin, hija loġika li tkun inkluża f'dan ir-Regolament iktar milli fil-proposta li temenda d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza;

- Diversi dispożizzjonijiet ġew iċċarati sabiex ikun garantit rispett għall-prinċipju ta' aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil.

*4. L-unità tal-familja, il-klawsola ta' sovranità u l-klawsola umanitarja*

Sabiex ikun imsaħħaħ id-dritt tal-unità tal-familja u biex ikunu ċċarati l-interazzjonijiet mal-klawsoli ta' sovranità u umanitarja u bejniethom huwa propost li:

- Jkun estiż id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja biex jinkludi membri tal-familja li jibbenefikaw minn protezzjoni sussidjarja u li joqgħodu fi Stat Membru ieħor;

- Ir-riunifikazzjoni ta' qraba dipendenti (jiġifieri jew qarib li hu dipendenti fuq applikant jew applikant li hu dipendenti fuq qarib) u ta' minorenni mhux akkumpanjati ma' qraba li jieħdu ħsiebhom, issir obbligatorja. Dan isir billi bażikament jitneħħew id-dispożizzjonijiet attwali li għandhom x'jaqsmu ma' dawn iż-żewġ kwestjonijiet mill-klawsola umanitarja u dawn jiddaħħlu fil-kriterji li jorbtu dwar id-determinazzjon tar-responsabbiltà;

- Tkun estiża d-definizzjoni ta' "membri tal-familja" f'dak li għandu x'jaqsam mal-minorenni, sabiex ikun żgurat protezzjoni aħjar tal-"aħjar interessi tal-wild";

- Tkun eskluża l-possibbiltà li jintbgħat lura applikant li għalih japplika kriterju dwar l-unità tal-familja fil-waqt tal-iktar applikazzjoni riċenti, bil-kundizzjoni li l-Istat Membru fejn ġiet iddepożitata l-ewwel applikazzjoni għadu ma ħax l-ewwel deċiżjoni dwar is-sustanza. L-għan huwa li jkun żgurat b'mod partikolari li l-elementi ġodda possibbli dwar is-sitwazzjoni tal-familja ta' persuna tfittex l-ażil jistgħu jittieħdu f'konsiderazzjoni kif imiss mill-Istat Membru li fih qiegħda l-persuna tfittex l-ażil, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u tal-Libertajiet Fundamentali;

- Biex ikunu ċċarati, il-klawsoli "ta' sovranità" u dik "umanitarja" tpoġġew flimkien fl-istess Kapitlu, imsejjaħ "klawsoli diskrezzjonali", u huma riveduti. Huwa propost li "l-klawsola ta' sovranità" tkun użata prinċipalment għall-raġunijiet umanitarji u ta' kompassjoni. Rigward iċ-ċirkustanzi biex tkun applikata "l-klawsola umanitarja", huwa propost li tinżamm klawsola ġenerali li tħalli lill-Istati Membri jużawha kull meta l-applikazzjoni stretta tal-kriterji li jorbtu se jwassal għal separazzjoni ta' membri tal-familja jew ta' qraba oħra;

- Diversi aspetti tal-proċedura fir-rigward tal-applikazzjoni tal-klawsoli diskrezzjonali huma ċċarati wkoll. Sabiex ikun żgurat li l-klawsola ta' sovranità ma tkunx applikata kontra l-interess tal-applikant, inżamm l-obbligu li jinkiseb il-kunsens tal-applikant.

*5. Minorenni mhux akkumpanjati u gruppi vulnerabbli oħra*

Sabiex ikunu kkonsidrati aħjar l-interessi tal-minorenni mhux akkumpanjati waqt il-proċedura ta' Dublin, il-proposta tiċċara u tespandi l-ambitu tad-dispożizzjoni eżistenti dwar il-minorenni mhux akkumpanjati u tistabbilixxi salvagwardji ta' protezzjoni addizzjonali:

- Dispożizzjoni ġdida li tittratta l-garanziji għall-minorenni ġiet miżjuda, li tispjega fost l-oħrajn il-kriterji li l-Istati Membri għandhom jikkonsidraw meta jagħmlu valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-wild u tispeċifika d-dritt tar-rappreżentanza;

- Il-protezzjoni mogħtija lill-minorenni mhux akkumpanjati hijwa mkabbra biex tippermetti ir-riunifikazzjoni mhux biss mal-familja nukleari iżda wkoll ma qraba oħra li qegħdin fi Stat Membru ieħor li jistgħu jieħdu ħsiebhom, kif imsemmi hawn fuq. Huwa ċċarat aħjar li, fl-assenza ta' membru tal-familja jew qarib ieħor, l-Istat Membru responsabbli huwa dak fejn l-applikat iddepożita l-applikazzjoni l-iktar reċenti tiegħu, sakemm dan huwa fl-aħjar interess tiegħu jew tagħha.

Rigward il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli b'mod ġenerali fi ħdan il-proċedura ta' Dublin:

Bil-għan prinċipali li tiżgura kontinwità fil-protezzjoni offruta lill-applikanti skont il-proċedura ta' Dublin soġġetta għal deċiżjonijiet ta' trasferiment għall-Istat Membru responsabbli, il-proposta tinkludi mekkaniżmu dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni relevanti bejn l-Istati Membri qabel jitwettqu t-trasferimenti.

*6. Pressjoni partikolari jew livell ta' protezzjoni mhux adegwat*

Sabiex ikun evitat li, f'każi ta' pressjoni partikolari fuq ċerti Stati Membri b'kapaċitajiet ta' akkoljenza u assorbiment limitati, it-trasferimenti ta' Dublin iżidu mal-piż fuq dawk l-Istati Membri, proċedura ġdida hija mdaħħla fir-Regolament li tippermetti s-sospensjoni tat-trasferimenti ta' Dublin lejn l-Istat Membru responsabbli. Din il-proċedura tista' wkoll tkun użata fil-każi fejn hemm tħassib li t-trasferimenti ta' Dublin jistgħu jwassal li applikanti ma jibbenefikawx minn standards ta' protezzjoni adegwati fl-Istat Membru responsabbli, b'mod partikolari f'termini ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-aċċess għall-proċedura tal-ażil.

- **Korrezzjonijiet lingwistiċi**

Korrezzjoni lingwistika waħda kellha tiġi mdaħħla fil-verżjoni Taljana ta' din il-proposta, notament fl-Artikolu 3(3) tagħha, fejn ir-referenza għal "terz" kif miżjud qabel "pajjiż". Din jallinja l-verżjoni Taljana tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament 343/2003/KE mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra ta' dak ir-Regolament u hemm bżonnha sabiex ma jkunx hemm riskji li dak l-Artikolu ma jkunx interpretat kif xieraq.

Jista' jkun hemm korrezzjonijiet lingwistiċi oħra fil-verżjonijiet ta' dan ir-Regolament fil-lingwi l-oħra.

- **Il-bażi legali**

Din il-proposta temenda r-Regolament 343/2003/KE u tuża l-istess bażi legali bħal dak l-att, jiġifieri l-Artikolu 63(1)(a) tat-Trattat tal-KE.

It-Titolu IV tat-Trattat tal-KE m'huwiex applikabbli għar-Renju Unit u l-Irlanda, sakemm dawn iż-żewġ pajjiżi ma jiddeċidux mod ieħor, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattati.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta mar-Regolament 343/2003/KE wara l-avviż tagħhom tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ibbażat fuq il-Protokoll imsemmi hawn fuq. Il-pożizzjoni ta' dawn l-Istati Membri fir-rigward tar-Regolament 343/2003 ma taffettwax il-possibbiltà tal-parteċipazzjoni tagħhom fir-rigward tar-Regolament emendat.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattati, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madanakollu, billi d-Danimarka tapplika r-Regolament ta' Dublin attwali, wara ftehim internazzjonali konkluż mal-KE fl-2006[16], hija għandha, f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dak il-ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk timplimentax il-kontenut tar-Regolament emendat jew le.

- **L-impatt tal-proposta fuq l-Istati li mhumiex membri tal-UE assoċjati mas-sistema ta' Dublin**

Fl-istess żmien tal-assoċjazzjoni ta' diversi Stati li mhumiex membri tal-UE għall-*acquis* ta' Schengen, il-Komunità kkonkludiet, jew qegħda fil-proċess li tikkonkludi, diversi ftehimiet li jassoċjaw dawn il-pajjiżi ukoll mal-*acquis* Dublin/Eurodac:

- il-ftehim li jassoċja lill-Iżlanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001[17],

- il-ftehim li jassoċja lill-Iżvizzera, konkluż fit- 28 ta' Frar 2008[18];

- il-protokoll li jassoċja lill-Liechtenstein, konkluż fit- 28 ta' Frar 2008[19];

Sabiex jiġu maħluqa drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka – li, kif spjegat hawn fuq, kienet assoċjata mal-*acquis* ta' Dublin/Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħra bejn il-Komunità u l-pajjiżi assoċjati[20].

---

16 Il-Ftehim bejn id-Danimarka u l-Komunità dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit Stat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għal-paragun tal-marki tas-swaba" għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin; ĠU L66 8.3.2006, p. 38

17 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterja u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja , ĠU L93, 3,4,2001, p. 40.

18 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera, ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.

19 Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Leichtenstein, għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżviżżera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru, jew fl-Iżvizzera (COM (2006)754, konkluzjoni pendenti).

20 Il-Protokoll bejn il-komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtensetein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbili l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-*acquis* ta' Dublin/Eurodac u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jieħdux sehem fl-adozzjoni ta' kwalunkwe att li jemenda jew jibni fuq l-*acquis* ta' Dublin (u għallhekk inkluża din il-proposta) iżda għandhom jinnotifiaw lill-Kummissjoni, fil-limiti ta' żmien stabbilit, bid-deċiżjoni tagħhom jekk jaċċettawx il-kontenut ta' dak l-att jew le, wara li jkun approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Fil-każ li n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera jew il-LiKEhtenstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-*acquis* ta' Dublin/Eurodac, tiġi applikata l-klawsola tal-"gilljottina" u l-ftehimiet rispettivi jintemmu, sakemm ma jiddeċidiex mod ieħor b'unanimità il-Kumitat Konġunt/Imħallat.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

It-Titlu IV tat-Trattat tal-KE ("TKE") dwar il-viża, l-ażil, l-immigrazzjoni u politiki oħra relatati mal-moviment ħieles ta' persuni jagħti ċerti poteri lill-Komunità Ewropea fir-rigward ta' dawn il-materji. Dawn il-poteri għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mal-Artikolu 5 TKE, jiġifieri jekk jew sa fejn l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk minħabba l-kobor jew l-effetti tal-azzjoni proposta jintlaħqu aħjar mill-Komunità.

Il-bażi legali attwali għall-azzjoni Komunitarja rigward il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema Stat Membru huwa responsabbli biex jikkonsidra l-applikazzjoni għall-ażil magħmula minn ċittadin ta' pajjiż terz f'wieħed mill-Istati Membri, huwa l-Artikolu 63 (1)(a) TKE.

Minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-problemi relatati mal-ażil b'mod ġenerali, l-UE qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tipproponi soluzzjonijiet fil-qafas tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil (CEAS) għall-kwestjonijiet identifikati bħala problemi rigward l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin. Għalkemm intleħaq grad ta' armonizzazzjoni konsiderevoli fir-Regolament adottat fl-2003, għad hemm lok għall-azzjoni tal-UE sabiex tiżgura sistema ta' Dublin iktar effiċjentu u iktar protettiva.

- **Il-Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-emenda tar-Regolament ta' Dublin evalwa bir-reqqa kull possibbiltà biex ikunu indirizzati l-problemi identifikati, bil-ħsieb li jitleħaq bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji, qabel ma tintleħaq il-konklużjoni li l-għażla tal-azzjoni tal-UE mressqa f'din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħaq l-għan biex jissolvew dawk il-problemi.

- **L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta saret soġġetta għal skrutinju bir-reqqa sabiex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet tagħha huma kompatibbli bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-Komunità kif ukoll bħala liġi internazzjonali. Saret emfażi partikolari dwar il-bżonn li jkunu msaħħa s-salvagwardji legali u proċedurali għall-persuni soġġetti għall-proċedura ta' Dublin u biex tagħtihom il-possibbiltà biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom aħjar kif ukoll dwar il-bżonn

---

Iżvizzera (2006/0257 CNS, konkluża fl-24.10.2008, il-pubblikazjoni fil-ĠU pendenti) u l-Protokoll għall-Ftheim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbili l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda u n-Norveġja (ĠU L 57, 28.2.2006, p.16).

li jkun żgurat rispett aħjar għad-dritt tal-unità tal-familja u biex titjieb is-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli b'mod partikolari dik ta' minorenni mhux akkumpanjati sabiex il-bżonnijiet speċjali tagħhom ikunu indirizzati aħjar.

L-iżgurar ta' livell ogħla ta' protezzjoni għall-persuni soġġetti għall-proċedura ta' Dublin se jkollu impatt pożittiv b'saħħtu kumplessivament għal persuna tfittex l-ażil mill-lat tad-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, il-fatt li dawk li qed ifittxu ażil ikunu **infurmati aħjar** dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, min-naħa l-waħda se jagħtihom il-possibbiltà li jiddefendu d-drittijiet tagħhom aħjar u min-naħa l-oħra, jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-livell ta' movimenti sekondarji billi dawk li qed ifittxu ażil ikunu iktar lesti li jikkonformaw mas-sistema. **L-effettività tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju** se tiżdied, b'mod partikolari billi: jkun stabbilit id-dritt għall-appell kontra deċiżjoni ta' trasferiment u d-dritt li ma jsirx it-trasferiment qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-bżonn li jkun sospiż l-infurżar tat-trasferiment; jipprovdi li persuna notifikata b'deċiżjoni ta' trasferiment għadha tingħata perijodu ta' żmien raġonevoli biex tfittex rimedju; jkun stabbilit id-dritt għall-assitenza legali u/jew rappreżentaza. **Il-prinċipji ta' aċċess effettiv għal-proċedura tal-ażil**, li huwa parti mid-**dritt għall-ażil**, se jkun imsaħħaħ billi jiġu ċċarati l-obbligu tal-Istat Membru responsabbli biex jagħmel valutazzjoni sħiħa tal-bżonnijiet ta' protezzjoni ta' persuna tfittex l-ażil, ittrasferit lilu skont il-proċedura ta' Dublin. **Id-dritt għall-libertà u l-moviment ħieles** se jissaħħaħ billi jkun stabbilit li d-detenzjoni ta' persuni skont il-proċedura ta' Dublin jista' jkun permess biss f'każijiet eċċezzjonali stabbilit skont ir-Regolament u biss jekk huma konformi mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità. Għandha tittieħed konsiderazzjoni xierqa tal-minorenni li jistgħu jinżammu f'detenzjoni biss jekk huwa fl-aħjar interess tagħhom, waqt li minorenni mhux akkumpanjati m'għandhomx jinżammu f'detenzjoni.

**Id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja** se jkun raffurzat b'mod konsiderevoli, b'mod partikolari billi jitkabbar l-ambitu tar-Regolament biex jinkludi applikanti u benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarju, billi r-riunifikazzjoni ta' qraba dipendenti issir obbligatorja u billi ma jkunx aċċettat, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, li jintbgħat lura applikant li għalih jista' japplika wieħed mill-kriterji ta' unità tal-familja fil-mument tal-applikazzjoni l-iktar reċenti tiegħu/tagħha. Dawn is-salvagwardji mhux biss se jipprovdu standards ta' protezzjoni ogħla għal persuna tfittex l-ażil iżda wkoll jikkontribwixxu biex inaqqsu il-livell ta' movimenti sekondarji, billi s-sitwazzjoni personali ta' kull persuna tfittex l-ażil se tkun meqjusa aħjar fil-proċess biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli.

Fl-aħħar nett, is-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-**gruppi vulnerabbli** se tkun indirizzata b'mod iktar adegwat b'mod partikolari billi jissaħħu **d-drittijiet tal-minorenni mhux akkumpanjat**, billi, fost l-oħrajn, ikun iddefinit aħjar il-prinċipji tal-aħjar interess tal-wild u billi jkun stabbilit mekkaniżmu dwar l-iskambju tal-informazzjoni relevanti, notament dwar kundizzjonijiet mediċi tal-persuna li se tkun trasferita, bil-għan prinċipali li tkun żgurata l-kontinwità fil-protezzjoni u d-drittijet mogħtija lil dik il-persuna.

L-Istati Membri huma obbligati li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament bir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Huwa previst bżonn ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fir-Regolament. Dan il-monitoraġġ se jkopri wkoll dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom effett fuq id-drittijiet fundamentali.

🡻 343/2003/KE
⇨ ġdid

2008/0243 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz ⇨jew persuna mingħajr Stat⇦**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, l-ewwel paragrafu, il-punt (1)(a) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[21],

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[22],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[23],

Billi:

⇩ ġdid

(1) Numru ta' bidliet sostanzjali se jsiru lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz[24]. Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament għandu jiġi riformulat.

21 ĠU C […], […], p. […].
22 ĠU C […], […], p. […].
23 ĠU C […], […], p. […].
24 ĠU L 50, 25.2.2003, p.1.

🡻 343/2003/KE premessa 1

(2) Politika komuni dwar l-ażil, inkluża Sistema Komuni Ewropea tal-ażil hija parti kostitwenti tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi progressivament żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla minn ċirkostanzi, ifittxu b'mod leġittimu protezzjoni fil-Komunita.

🡻 343/2003/KE premessa 2

(3) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, qabel li jaħdem biex jistabbilixxi Sistema Komuni Ewropea tal-ażil, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tat-31 ta' Jannar 1967, biex hekk ikun żgurat li ħadd ma jintbagħat lura għal persekuzzjoni i.e. jinżamm il-prinċipju ta' non-refoulement. F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jintlaqtu l-kriterji ta' responsabbiltà preskritti f'dan ir-Regolament, Stati Membri, li kollha jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement, jitqiesu bħala pajjiżi siguri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

🡻 343/2003/KE premessa 3

(4) Il-konklużjonijiet ta' Tampere ddikjaraw ukoll li din is-sistema għandha tinkludi, fit-terminu qasir, metodu ċar u li jiffunzjona biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil.

🡻 343/2003/KE premessa 4
⇨ ġdid

(5) Metodu tali għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. Huwa għandu, b'mod partikolari, jagħmel possibbli li jkun iddeterminat bil-ħeffa l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri li jiddeterminaw l-istatus ta' ~~refuġjat~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ u ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ għall-protezzjoni internazzjonali ⇦ .

🡻 343/2003/KE premessa 5

~~Fir-rigward tal-introduzzjoni ta' fażijiet suċċessivi ta' sistema komuni Ewropea tal-ażil li għandha twassal, fit-terminu iktar fit-tul, għal proċedura komuni u status uniformi, validu mal-Unjoni kollha, għal dawk li jingħatalhom l-ażil, huwa xieraq f'dan l-istadju, filwaqt li jsir it-titjib meħtieġ fid-dawl tal-esperjenza, li jkunu kkonfermati l-prinċipji li huma l-bażi tal-Konvenzjoni li tiddetermina l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjonijiet għall-ażil iddepożitati f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej [4], iffirmata f'Dublin fil-~~

~~15 ta' Ġunju 1990 (hawnhekk iżjed ‘il quddiem imsejħa l-Konvenzjoni ta' Dublin), li l-implimentazzjoni tagħha stimulat il-proċess ta' armonizzazzjoni tal-politiki dwar l-ażil.~~

---

⇩ ġdid

(6) L-ewwel fażi tal-ħolqien tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li, fit-tul ta' żmien, għandha twassal għal proċedura komuni u status uniformi, validu madwar l-Unjoni, għal dawk li jingħataw ażil, issa tlestiet. Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja li jistabbilixxi l-għanijiet li għandhom ikunu implimentati fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perijodu 2005-2010. F'dan ir-rigward il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-ewwel fażi ta' strumenti legali u biex tressaq l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jkunu adottati qabel l-aħħar tal-2010.

(7) Fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjonijiet magħmula, huwa xieraq, f'dan l-istadju, li jkunu kkonfermati l-prinċipji li huma l-bażi tar-Regolament (KE) Nru 343/2003, waqt li jsir it-titjib neċessarju fid-dawl tal-esperjenza biex tissaħħaħ l-effettività tas-sistema u l-protezzjoni mogħtija lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont din il-proċedura.

(8) Sabiex ikun żgurat trattament ekwu lill-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali kollha, kif ukoll sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-*acquis* dwar l-ażil tal-UE attwali, b'mod partikolari mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-istandards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat bħala rifuġjat jew persuna li għandha bżonn protezzjoni internazzjonali għal xi raġuni oħra u l-kontenut tal-protezzjoni ġie mogħti,[25] huwa xieraq li jkun estiż l-ambitu ta' dan ir-Regolament sabiex jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni li għandhom protezzjoni sussidjarja.

(9) Sabiex ikun żgurat trattament ekwu għal persuni jfittxu l-ażil kollha, d-Direttiva […/…/…] ta' … li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxu l-ażil[26] għandha tapplika għall-proċedura li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli kif regolat min dan ir-Regolament.

(10) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-aħjar interess tat-tifel/tifla għandha tkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membru fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn dan, garanziji proċedurali speċifiċi għal minorenni mhux akkunpanjati għandhom ikunu stabbiliti minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom.

---

25 ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.
26 ĠU C […], […], p. […].

---

| ➔ 343/2003/KE premessa 6 |
|---|

~~L-għaqda tal-familja għandha tkun ippreżervata sakemm dan ikun kompatibbli ma' l-għanijiet l-oħra segwiti billi jkunu stabbiliti kriterji u mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil.~~

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(11) F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ir-rispett lejn l-unità tal-familja għandha tkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membru fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

| ➔ 343/2003/KE (premessa 7)<br>⇨ ġdid |
|---|

(12) Billi l-ipproċessar flimkien tal-applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ tal-membri ta' familja waħda minn Stat Membru wieħed jagħmel possibbli li jkun żgurat li l-applikazzjonijiet ikunu eżaminati b'mod komplet u li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom ikunu konsistenti ⇨ u li l-membri tal-istess familja ma jkunux separati ⇦ .

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(13) Sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tal-unità tal-familja u tal-aħjar interess tat-tifel/tifla, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn applikant u l-familja estiża tiegħu/tagħha minħabba tqala jew maternità, l-istat tas-saħħa tagħhom jew l-anżjanità, għandha ssir kriterju ta' responsabbiltà li jorbot. Meta l-applikant huwa minorenni mhux akkompanjat, il-preżenza ta' qarib f'territorju ta' Stat Membru ieħor li jista' jieħu ħsiebu/ha għandha wkoll ssir kriterju ta' responsabbiltà li jorbot.

---

| ➔ 343/2003/KE (premessa 7)<br>⇨ ġdid |
|---|

(14) Kull Stat Membru għandu jkun jista' jidderoga mill-kriterji ta' responsabbiltà, ~~biex jagħmluha possibbli li jġibu flimkien membri tal-familja fejn dan ikun meħtieġ għal raġunijiet umanitarji~~ ⇨ biex jagħmilha possibbli li jieħu r-responsabbiltà ta' dak l-applikant b'mod partikolari għal raġunijiet umanitarji jew ta' kompassjoni u jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu jew fi Stat Membru ieħor, ukoll jekk dan l-eżami mhux ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji li jorbtu stabbiliti fir-Regolament, sakemm l-Istat Membru kkonċernat u l-applikant jaqblu dwar dan. ⇦

⇩ ġdid

(15) Għandha tkun organizzata intervista personali sabiex ikun iffaċilitat id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applkazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn xieraq, sabiex l-applikanti jkunu informati oralment dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(16) F'konformità b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropewa, għandhom ikun stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli sabiex tkun garantita il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi kkonċernati.

(17) F'konformità mal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, ir-rimedju effettiv għandu jkopri l-eżami kemm tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kif ukoll tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru fejn l-applikant ikun trasferit sabiex ikun żgurat li d-drittijiet umani internazzjonali jkunu rispettati.

(18) Id-detenzjoni ta' persuni jfittxu l-ażil għandha tkun applikata skont il-prinċipju bażiku li l-persuna m'għandhiex tinżamm f'detenzjoni għas-sempliċi raġuni li din qegħda titlob protezzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, id-detenzjoni ta' persuni jfittxu l-ażil għandha tkun applikata skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u skont iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u l-garanziji ddefiniti b'mod ċar stabbiliti mid-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi standards minimi dwar l-akkoljenza ta' persuni jfittxu l-ażil. Barra minn dan, l-użu tad-detenzjoni għar-raġunijiet tat-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli għandu jkun limitat u soġġett għall-prinċipji ta' proporzjonalità fir-rigward tal-miżuri meħuda u l-għanijiet li għandhom jintleħqu.

(19) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003[27], it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli jista' jitwettaq fuq bażi volontarji, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri għandhom jippromwovu t-trasferimenti volontarji u għandhom jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, b'rispett sħiħ għad-drittjiet fundamentali u d-dinjità umana.

---

🡻 343/2003/KE premessa 8

(20) Il-ħolqien progressiv ta' żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' persuni jkun iggarantit skont it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea u l-istabbiliment ta' politika tal-Komunità dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u qagħad ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi sforzi komuni lejn l-amministrazzjoni ta' konfini esterni, jagħmel meħtieġ li jinstab bilanċ bejn kriterji ta' responsabbiltà u spirtu ta' solidarjetà.

---

[27] ĠU L222, 5.9.2003, p.3.

⇩ ġdid

(21) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jista', f'ċerti ċirkostanzi, joħloq piż addizzjonali fuq l-Istati Membru li qed jaffrontaw sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi pressjoni eċċeżżjonalment tqila fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema ta' ażil u l-infrastruttura. F'ċirkustanzi bħal dawn, huwa neċessarju li tkun stabbilita proċedura effiċjenti biex tippermetti s-sospensjoni temporanja ta' trasferimenti lejn l-Istat Membru kkonċernat u biex tingħata assistenza finanzjarja, skont l-istrumenti finanzjarji tal-UE attwali. Is-sospensjoni temporanja tat-trasferimenti ta' Dublin jistgħu b'hekk jikkontribwixxu biex jintleħaq livell ogħla ta' solidarjetà lejn dawk l-Istati Membri li qegħdin jiffaċċjaw pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-ażil tagħhom, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika u demografika tagħhom.

(22) Il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tat-trasferimenti għandu jkun applikat ukoll meta l-Kummissjoni tikkonsidra li l-livell ta' protezzjoni għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali f'ċertu Stat Membru mhix f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ażil, b'mod partikolari f'termini ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza u aċċess għall-proċedura tal-ażil, sabiex ikun żgurat li l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali jibbenefikaw minn livell adegwat ta' protezzjoni fl-Istati Membri kollha.

(23) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 t'Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u fuq il-moviment ħieles ta' din id-dejta[28] tapplika għal proċessar ta' dejta personali mill-Istat Membru fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(24) L-iskambju tad-dejta personali rigward l-applikanti, inkluża dejta sensittiva dwar is-saħħa, li se tkun ttrasferita qabel jitwettaq trasferiment se jiżgura li l-awtoritajiet tal-ażil kompetenti jkunu f'pożizzjoni biex jipprovdu l-applikanti b'assitenza adegwata u biex jiżguraw kontinwità fil-protezzjoni u d-drittjiet mogħtija lilhom. Għandhom isiru dispożizzjonijiet speċjali biex tkun żgurata il-protezzjoni tad-dejta relatati mal-applikanti involuti f'din is-sitwazzjoni f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

🡻 343/2003/KE premessa 9 (adattat)

(25) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni~~jiet~~ bejn id-dipartimenti kompetenti, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew ikun issimplifikat l-ipproċessar ta' talbiet biex jittieħed inkarigu jew jittieħed lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għall-għamil ta' trasferimenti.

[28] ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

🡻 343/2003/KE premessa 10 (adattat)

(26) Kontinwita bejn is-sistema biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita ~~bil-Konvenzjoni ta' Dublin~~ ⌦ mir-Regolament (KE) Nru 343/2003 ⌫ u s-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament għandha tkun żgurata. B'mod simili, konsistenza għandha tkun żgurata bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (KE) ~~tal-Kunsill Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 [.../...]~~ [dwar it-twaqqif tal-"Eurodac" għall-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva ~~tal-Konvenzjoni~~[29] ⌦ tar-Regolament ⌫ ta' Dublin].

🡻 343/2003/KE premessa 11 (adattat)
⇨ ġdid

(27) It-tħaddim tas-sistema tal-~~Eurodac~~ EURODAC, kif stabbilita bir-Regolament (KE) ~~Nru 2725/2000~~ [.../...] ⌦ [dwar it-twaqqif tal-"Eurodac" għal-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin ]⌫ u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli ~~4~~ 6 u ~~8~~ 10 li jinsabu fih għandha tiffaċilita l-~~implimentazzjoni~~ ⌦ applikazzjoni ⌫ ta' dan ir-Regolament.

⇩ ġdid

(28) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar il-Viża għal żjarat qosra[30] u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 fiha għandha tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

🡻 343/2003/KE premessa 12

(29) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom huma parti.

🡻 343/2003/KE premessa 13

(30) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li

29 ~~ĠU L 316, 15.12.2000, p.1~~
30 ĠU L 218, 13.8.2008, p.60.

tippreskrivi proċeduri għall-eżerċizzju biex ikunu implimentati poteri mogħtija lill-Kummissjoni [31].

---

🡻 1103/2008/KE punt 3, l-ewwel sottoparagrafu tal-Anness (adattat)
⇨ ġdid

(31) ~~Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 343/2003,~~ Il-Kummissjoni ⌦ b'mod partikolari, għandha tingħata s-setgħa ⌫ biex tadotta l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-implimentazzjoni ~~ta' klawsola umanitarja,~~ ⇨ tal-klawsoli rigward il-minorenni mhux akkumpanjati u l-klawsola rigward ir-riunifikazzjoni ta' qraba dipendenti ⇦ u biex tadotta l-kriterji neċessarji biex twettaq trasferimenti. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' ⌦ dan ⌫ ir-Regolament (KE) ~~Nru 343/2003~~ biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

---

⇩ ġdid

(32) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 343/2003 ġew adottati permezz tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għandhom ikunu inkorporati f'dan ir-Regolament, għal raġunijiet ta' ċarezza u minħabba li għandhom għan ġenerali. B'mod partikolari, huwa importanti li kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni jfittxu l-ażil konċernati, li għandu jkun hemm mekkaniżmu ġenerali biex tinstab soluzzjoni f'każi fejn Stati Membri ma jaqblux dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament. Huwa għalhekk ġustifikat li jkun inkorporat il-mekkaniżmu stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar il-klawsola umanitarja f'dan ir-Regolament u li jkun estiż l-ambitu ta' dan ir-Regolament kollu.

---

🡻 343/2003/KE premessa 14 (adattat)
⇨ ġdid

(33) ⇨ Il-monitoraġġ effettiv tal- ⇦ ~~L-~~applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ~~għandha~~ ⌦ teħtieġ li ⌫ tkun ivvalorizzata f'intervalli regolari.

---

31 ĠU L 184, 17.7.1999, p.23.

| ➔ 343/2003/KE premessa 15 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(34) ~~Ir-~~ ⌦ Dan ir- ⌫Regolament ~~josserva~~ ⌦ jirrispetta ⌫ d-drittijiet u ⌦ josserva l-prinċipji ⌫ fundamentali li huma rrikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[32]. B'mod partikolari, ⌦ dan ir-Regolament ⌫ ~~huwa~~ jfittex li jiżgura osservanza sħiħa tad-dritt tal-ażil iggarantit bl-Artikolu 18 ⇨ u li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1. 4. 7, 24 u 47 tal-Karta msemmija u għandu jkun implimentat kif meħtieġ ⇦ .

| ➔ 343/2003/KE premessa 16 ⇨ ġdid |
|---|

(35) Ladarba l-għan tal-miżura proposta, jiġifieri l-istabbiliment tal-kriterji u mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz ⇨ jew persuna mingħajr Stat ⇦ , ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, mogħtija l-kobor u l-effeti, jista' għalhekk jinkiseb aħjar fil-livell komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarita kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalita, kif iddikjarat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan il-għan.

| ➔ 343/2003/KE premessa 17 (adattat) |
|---|

~~Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar Unjoni Ewropea u t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda taw notifika, bl-ittri tat-30 ta' Ottubru 2001, tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-addozzjoni u applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.~~

| ➔ 343/2003/KE premessa 18 (adattat) |
|---|

~~Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropej, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas hija suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.~~

---

32 ĠU L 364, 18.12.2000, p.1.

| ➔ 343/2003/KE premessa 19 (adattat) |
|---|

~~Il-Konvenzjoni ta' Dublin tibqa' fis-seħħ u tissokta tapplika bejn id-Danimarka u l-Istati Membri li huma marbuta b'dan ir-Regolament sa meta ftehim li jippermetti l-parteċipazzjoni tad-Danimarka f'dan ir-Regolament ikun konkluż.~~

| ➔ 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

*⌦Suġġett ⌫*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz ⇨ jew persuna mingħajr Stat ⇦

*Artikolu 2*

*⌦Definizzjonijiet ⌫*

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser ~~kull min~~ ⌦ kwalunkwe persuna ⌫ mhux ċittadin tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 17(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ⇨ u li mhux persuna li għandha d-drittijiet Komunitarji ta' moviment ħieles, kif iddefinit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] ⇦ ;

~~(b) "Konvenzjoni ta' Ġinevra" tfisser il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-istatus ta' refuġjati, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31ta' Jannar 1967;~~

[33] ĠU L 105, 13.4.2006, p.1.

(c) "applikazzjoni għall-ażil" tfisser l-applikazzjoni magħmula minn ċittadin ta' pajjiż terz li tista' tiftiehem bħala talba għal protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru, taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija preżunta li tkun applikazzjoni għall-ażil, sakemm ċittadin ta' pajjiż terz ma jitlobx espliċitament għal xorta ta' protezzjoni oħra li tkun tista' ssir applikazzjoni għaliha separatament;

---

⇩ ġdid

(b) "applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tfisser applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(g) tad-Direttiva 2004/83/KE;

---

🡻 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

(c)(d)"applikant" jew "min ifittex l-ażil" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz ⇨ jew persuna mingħajr Stat ⇦ li jkun għamel applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ li dwarha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx;

(d)(e)"eżami ta' applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ " tfisser kull eżami ta', jew deċiżjoni dwar, applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ mill-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi nazzjonali ⇨ id-Direttiva 2005/85/KE[34] ⇦ ħlief għal proċeduri li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament ⇨ u d-Direttiva 2004/83/KE ⇦ ;

(e)(f) "irtirar tal-⌦ ta' ⌫ applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ "tfisser azzjonijiet li bihom l-applikant għall-ażil itemm il-proċeduri mibdijin bis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħu għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ , skont id-Direttiva 2005/85/KE,⇦ skont il-liġi nazzjonali, jew b'mod espliċitu jew taċitu;

(f)(g) "rifuġjat ⇨ persuna li ngħatat protezzjoni internazzjonali ⇦ " tfisser ċittadin ta' pajjiż terz ⌦ jew persuna mingħajr Stat rikonoxxut bħala fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2004/83/KE ⌫ li jikkwalifika għall-istatus iddefinit bil-Konvenzjoni ta' Ġinevra u awtorizzat li joqgħod bħala tali fit-territorju ta' Stat Membru;

---

⇩ ġdid

(g) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;

---

[34] ĠU L 326, 13.12.2005, p.13

---

↓ 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

(i) ~~(h)~~ "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser ~~persuni mhux miżżewġin~~ ⇨minorenni ⇦ li ~~jaslu~~ ⌦ jasal ⌫ fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjati minn adult responsabbli għalihom kemm bil-liġi kif ukoll l-użanza, u sakemm huma ma jittiħdux effettivament fir-responsabbilta ta' persuna tali; tinkludi minorenni li jitħallew mhux akkumpanjati wara li jkunu waslu fit-territorju tal-Istati Membri;

(i) "membri tal-familja" tfisser sa fejn il-familja kienet diġa teżisti fil-pajjiż ta' oriġini, il-membri tal-familja tal-applikant li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri li ġejjin:

(i) ir-raġel/il-mara ta' persuna tfittex l-ażil jew il-partner mhux miżżewweġ/mhux miżżewġa tagħha jew tiegħu f'relazzjoni stabbli, fejn il-leġislazzjoni jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat titratta koppji mhux miżżewġin b'manjiera komparabbli għal koppji miżżewġa taħt il-liġi tiegħu dwar aljeni;

(ii) it-tfal minorenni ta' koppji li jirreferi għalihom il-punt (i) jew tal-applikant, fuq kundizzjoni li huma mhumiex miżżewġin ~~u dipendenti~~ u mingħajr ma jingħata każ jekk twildux fiż-żwieġ jew barra minnu jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali;

---

⇩ ġdid

(iii) it-tfal minorenni miżżewġin ta' koppji msemmija fil-punt (i) jew tal-applikant, indipendentament jekk twieldux fiż-żwieġ jew barra miż-żwieġ jew humiex adottati kif definit skont il-liġi nazzjonali, fejn huwa fl-aħjar interess tagħhom li jgħixu mal-applikant;

---

↓ 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

(iv) ~~(iii)~~ il-missier, l-omm jew it-tutur ~~meta~~ ⌦ tal- ⌫ ~~l-~~applikant ~~jew refuġjat~~ ⌦ meta dan tal-aħħar ⌫ huwa minorenni u mhux miżżewweġ~~;~~ ⇨ jew meta huwa minorenni u miżżewweg iżda huwa fl-aħjar interess tiegħu li jgħix ma' missieru, ommu jew it-tutur⇦;

---

⇩ ġdid

(v) l-aħwa minorenni mhux miżżewġin tal-applikant, meta dan tal-aħħar huwa minorenni u mhux miżżewweġ, jew meta l-applikant jew meta ħutu

iżgħar minnu huma minorenni u miżżewġin iżda huwa fl-aħjar interess tagħhom li wieħed jew iktar minnhom jgħixu flimkien;

---

🡻 343/2003/KE
⇨ ġdid

(j) "dokument ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz ⇨ jew persuna mingħajr ⇦ Stat biex joqgħod fit-territorju tiegħu, inklużi d-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu ordni ta' tneħħija milli tkun eżegwita ma japplikawx iktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perijodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'din id-deċiżjoni jew matul eżami ta' applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

(k) "viża" tfisser l-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru rekwiżita għal tranżitu jew dħul għal qagħda intenzjonata f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri. In-natura tal-viża għandha tkun iddeterminata skont id-definizzjonijiet li ġejjin:

(i) "viża għal qagħda twila" tfisser l-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru rekwiżita għal dħul għal qagħda intenzjonata f'dak l-Istat Membru ta' iktar minn tliet xhur;

(ii) "viża għal qagħda qasira" tfisser l-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru rekwiżita għal dħul għal qagħda intenzjonata f'dak l-Istat Membru għal perijodu li d-dewmien totali tiegħu ma jeċċedix tliet xhur;

(iii) "viża ta' tranżitu" tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru għal dħul għal tranżitu mit-territorju ta' dan l-Istat Membru jew diversi Stati Membri, ħlief għal tranżitu f'ajruport;

(iv) "viża għal tranżitu f'ajruport" tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni li tippermetti ċittadin ta' pajjiż terz suġġett speċifikament għal dan ir-rekwiżit biex jgħaddi miż-żona ta' tranżitu ta' ajruport, mingħajr ma jkollu aċċess għat-territorju nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, matul waqfa jew trasferiment bejn żewġ taqsimiet ta' titjira internazzjonali;

---

⇩ ġdid

(l) "riskju tal-ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet f'każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji objettivi ddefiniti mill-liġi, biex wieħed jaħseb li applikant jew ċittadin ta' pajjiż terż jew ta' persuna mingħajr Stat li huwa soġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment jista' jaħrab.

---

| ⬇ 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

*KAPITOLU II*

**PRINĊIPJI ĠENERALI ⌦ U SALWAGWARDJI ⌫**

*Artikolu 3*

⌦*L-aċċess għall-proċedura tal-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali* ⌫

1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-applikazzjoni ⌦ għall-protezzjoni internazzjonali ⌫ ⇨ minn ⇦ ta' ċittadin ta' kull pajjiż terz ⌦ jew persuna mingħajr Stat ⌫ li japplika fit-territorju ta' xi wieħed minnhom, inkluż fil-konfini jew ⇨ fiż-żona ta' tranżitu ⇦ fit-territorju tagħhom lil kull wieħed minnhom għall-ażil. L-applikazzjoni għandha tkun eżaminata minn Stat Membru wieħed, li għandu jkun dak li l-kriterji ddikjarati fil-Kapitolu III ⌦ ta' dan ir-Regolament ⌫ juru li huwa responsabbli.

---

| ⬇ 343/2003/KE Artikolu 13<br>⇨ ġdid |
|---|

2. Fejn ebda Stat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ażil ma jkun jista' jinħatar fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li għandu l-applikazzjoni għall-⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ażil kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha.

---

| ⬇ 343/2003/KE<br>⇨ ġdid |
|---|

3. Kull Stat Membru għandu jżomm id-dritt, skont il-liġijiet nazzjonali tiegħu, li jibgħat lil persuna tfittex l-ażil lejn pajjiż terz ⇨ sikur ⇦, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ⇨ soġġetta għar-regoli u s-salvagwardji stabbiliti mid-Direttiva 2005/85/KE. ⇦

---

| ⬇ 343/2003/KE Artikolu 3(4) (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu 4*

*⌦Id-dritt għall-informazzjoni ⌫*

~~4~~1. ⇨ Malli applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jinfurmaw ⇦ lill-~~Il-~~persuna tfittex l-ażil ~~għandha tkun infurmata bil-miktub f'lingwa li hi tista' tkun mistennija li tifhem~~ dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament~~, il-limiti ta' żmien tiegħu u l-effetti tiegħu.~~ ⇨ , u b' mod partikulari:⇦

---

⇩ ġdid

(a) l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi jekk issir applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti;

(b) il-kriterji għall-allokazzjoni tar-responsabbiltà u l-ġerarkija tagħhom;

(c) il-proċedura ġenerali u ż-żmien limitu li għandhom jkunu segwiti mill-Istati Membri;

(d) l-eżiti possibbli tal-proċedura u l-konsegwenzi tagħhom;

(e) il-possibbiltà li tkun ikkontestata deċiżjoni ta' trasferiment;

(f) il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu skambju tad-dejta dwarha għar-raġuni biss tal-implimentazzjoni tal-obbligi li jiġu minn dan ir-Regolament;

(g) l-eżistenza tad-dritt għall-aċċess għad-dejta dwarha, u d-dritt li titlob li dejta mhux eżatta dwarha tkun ikkoreguta jew li dejta pproċessata mhux skont il-liġi dwarha tkun imħassra, inkluż id-dritt li tirċievi informazzjoni dwar il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet u d-dettalji tal-Awtoritajiet Nazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta li għandhom jisimgħu pretensjonijiet rigward il-protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub fl-lingwa li l-applikant jista' jkun mistenni li jifhem, l-Istati Membri għandhom jużaw fuljett komuni mfassal skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.

Meta neċessarju biex l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, f'intervista organizzata skont l-Artikolu 5.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni b'mod xieraq għall-età tal-applikant.

3. Għandu jiġi mfassal fuljett komuni li fih tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2).

*Artikolu 5*

*L-intervista personali*

1. L-Istat Membru li jkun qiegħed iwettaq il-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament, għandu jagħti lill-applikanti l-opportunità ta' intervista ma' persuna kwalifikata skont il-liġi nazzjonali biex tagħmel intervista.

2. L-intervista personali għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-proċess biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli, b'mod partikolari biex jippermetti lill-applikant jagħti l-informazzjoni relevanti għall-identifikazjzoni tal-Istat Membru responsabbli, u sabiex l-applikant ikun infurmat oralment dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. L-intervista personali għandha ssir fi żmien xieraq wara li tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, f'kull każ, qabel tittieħed xi deċiżjoni biex applikant ikun trasferit lejn l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 25(1).

4. L-intervista personali għandha ssir fl-lingwa li l-applikant jista' jkun mistenni li jifhem u li biha kapaċi jikkomunika. Fejn neċessarju, l-Istati Membru għandhom jagħżlu interpretu li jkun jista' jiżgura l-komunikazzjoni xierqa bejn l-applikant u l-persuna li tagħmel l-intervista personali.

5. L-intervista personali għandha ssir f'kondizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa.

6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel rapport qasir bil-miktub li fih l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista u għandu jagħmel kopja ta' dak ir-rapport disponibbli għall-applikant. Ir-rapport għandu jkun mhemuż ma' kull deċiżjoni ta' trasferiment skont l-Artikolu 25(l).

*Artikolu 6*

*Garanziji għall-minorenni*

1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li rappreżentant jirraprezenta u/jew jgħin lill-minorenni mhux akkompanjat fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti minn dan ir-Regolament. Dan ir-rappreżentant jista' wkoll ikun ir-rappreżentant msemmi fl-Artikolu 23 tad-Direttiva […/…/KE] [li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxu l-ażil].

3. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:

(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) il-benessri u l-iżvilupp soċjali tal-persuna minorenni, b'konsiderazzjoni partikolari tal- isfond etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-persuna minorenni.

(c) konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, b'mod partikolari fejn hemm riskju li t-tifel jew tifla jkun vittma tat-traffikar;

(d) il-fehmiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tagħha.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri fil-leġislazzjoni nazzjonali għat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba preżenti fl-Istat Membru tal-minorenni. Huma għandhom jibdew jintraċċaw lill-membri tal-familja tal-minorenni mhux akkompanjat jew qraba oħra kemm jista' jkun malajr, wara li tkun iddepożitata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali waqt li jipproteġu l-aħjar interessi tagħha.

5. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 33 li jittrattaw it-talbiet li għadhom x'jaqsmu mal-minorenni mhux akkompanjati għandu jkollhom it-taħriġ xieraq dwar il-bżonnijiet speċifiċi tal-minorenni.

---

| |
|---|
| ↓ 343/2003/KE (adattat) |
| ⇨ ġdid |

***KAPITOLU III***

~~**ĠERARKIJA TA' KRITERJI**~~

***⌦IL-KRITERJI BIEX IKUN IDDETERMINAT L-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI ⌫***

*Artikolu ~~5~~ 7*

*⌦Ġerarkija ta' kriterji ⌫*

1. Il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għandhom ikunu applikati fl-ordni li fiha huma ddikjarati f'dan il-Kapitolu.

2. L-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji ⌦ stabilliti f'dan il-Kapitlu ⌫ għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-persuna li tfittex l-ażil iddepożitat għall-ewwel darba l-applikazzjoni ⇨ għall-protezzjoni internazzjonali ⇦ tagħha għand Stat Membru.

⇩ ġdid

3. B'deroga mill-paragrafu 2, sabiex ikun żgurat ir-rispett tal-prinċipju tal-unità tal-familja u l-aħjar interess għat-tifel/tifla, l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8 sa 12 għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni meta persuna tfittex l-ażil iddepożitat l-iktar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali riċenti tiegħha. Dan il-paragrafu għandu japplika bil-kundizzjoni li l-applikazzjonijiet preċedenti ta' persuna tfittex l-ażil għandu ma kienux soġġetti għall-ewwel deċiżjoni dwar is-sustanza.

---

🡻 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~6~~ 8*

*⌦Minorenni mhux akkumpanjati ⌫*

1. Fejn l-applikant ~~għall-ażil~~ ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni ⇨ għall-protezzjoni internazzjonali ⇦ għandu jkun dak fejn membru tal-familja tiegħu jew tagħha jkun legalment preżenti, sakemm dan ikun fl-aħjar interess tal-minorenni.

---

🡻 343/2003/KE Artikolu 15(3) (adattat)
⇨ ġdid

~~2~~3. ~~23.Jekk~~ ⌦ Fejn ⌫ ⇨ l-applikant ⇦ ~~il-persuna tfittex l-ażil~~ ~~hija~~ huwa minorenni mhux akkumpanjat~~a~~ li għand~~hau~~ qarib ~~jew qraba~~ ⇨ preżenti legalment ⇦ fi Stat Membru ieħor li jista' jieħu ~~ħsiebha jew~~ ħsiebu, ⌦ l-Istati ⌫ ~~Stati~~ Membri għandhom ~~jekk hu possibbli jgħaqqdu l-minorenni mal-qarib jew qraba tiegħu jew tagħha,~~ ⇨ ikunu responsabbli biex jeżaminaw l-applikazzjoni, sakemm dan hu ⇦ ~~ħlief jekk mhux~~ fl-aħjar interess tal-minorenni.

---

⇩ ġdid

3. Fejn membri tal-familja tal-applikant jew qraba oħra tiegħu jew tagħha huwa preżenti legalment f'iktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għandu jiddeċiedi fuq il-bażi ta' liema hu l-aħjar interess tal-persuna minorenni.

---

| |
|---|
| ↓ 343/2003/KE (adattat) ⇨ ġdid |

4. Fl-assenza ta' membru tal-familja ⇨ jew qarib ta' qarib ieħor ⇦ , l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għandu jkun dak fejn il-minorenni jkun iddepożita l-applikazzjoni ⇨ għall-protezzjoni internazzjonali l-iktar reċenti ⇦ ~~għall-ażil~~ tiegħu ~~jew tagħha~~ ⇨ sakemm dan huwa fl-aħjar interess tal-persuna minorenni. ⇦

---

| |
|---|
| ↓ 1103/2008/KE, punt 3(1) tal-Anness ⇨ ġdid |

5. Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex ikunu implimentati ~~dan l-Artikolu~~, il-paragrafi 2 ⇨u 3⇦ ~~inklużi, fejn xieraq, mekkaniżmi ta' konċiljazzjoni għas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn Stati Membri dwar il-ħtieġa li jgħaqqdu l-persuni kkonċernati, jew il-post fejn dan għandu jsir,~~ għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu ~~27~~ 40(3).

---

| |
|---|
| ↓ 343/2003/KE (adattat) ⇨ ġdid |

*Artikolu ~~7~~9*

*⌦Membri tal-familja li huma persuni mogħtija l-protezzjoni internazzjonali ⌫*

Fejn il-persuna tfittex l-ażil għandha membru tal-familja, bla ma jitqies jekk il-familja kenitx ifformata qabel fil-pajjiż ta' oriġini jew le, li kien tħalla joqgħod bħala ~~refuġjat~~ ⇨ persuna mogħtija l-protezzjoni internazzjonali ⇦ fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ , sakemm ~~hekk jixtiequ~~ il-persuni kkonċernati ⌦ esprimew ⌫ ix-xewqa tagħhom ⌦ bil-miktub⌫ .

*Artikolu ~~8~~10*

*⌦Membri tal-familja li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ⌫*

Jekk il-persuna li tfittex l-ażil għandha membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni ⇨ għall-protezzjoni internazzjonali ⇦ tiegħu ⌦ f'dak l-Istat Membru ⌫ ikun għadha ma kenitx suġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, ~~dak~~ l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni

għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ , sakemm ~~hekk jixtiequ~~ il-persuni kkonċernati ⌦ esprimew ⌫ ix-xewqa tagħhom ⌦ bil-miktub⌫.

*Artikolu ~~15~~11*

*⌦Qraba dipendenti ⌫*

~~2~~1. ⌦Fejn ⌫ ~~F'każijiet li fihom~~ ~~il-persuna kkonċernata~~ ⌦ il-persuna tfittex l-ażil ⌫ hija dipendenti fuq l-assistenza ~~tal-oħra~~ ⌦ ta' qarib ⌫ ~~preżenti fi Stat Membru ieħor~~ minħabba tqala jew tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilita severa jew xjuħija, ⌦ jew fejn qarib ⌫ ~~preżenti fi Stat Membru ieħor~~ ⌦ huwa dipendenti fuq l-assitenza tal-persuna tfittex l-ażil ⌫⇨ għall-istess raġunijiet, l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għandu jkun hu li jikkonsidra l-iktar mod xieraq biex dawn jinżammu flimkien jew ikunu riunifikati⇦ ~~Stati Membri normalment għandhom iżommu jew iġibu flimkien il-persuna tfittex l-ażil ma' qarib ieħor preżenti fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri,~~ sakemm l-irbit familjali kien jeżisti fil-pajjiż ta' oriġini ⇨ u l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub. Fid-determinazzjoni tal-iktar Stat Membru xieraq, l-aħjar interess tal-persuni kkonċernati għandu jkun meħud f'konsiderazzjoni, bħal ma hu l-kapaċità tal-persuna dipendenti biex tivvjaġġa ⇦ .

---

| |
|---|
| 🡻 1560/2003 Artikolu 11(1) (adattat) |

~~L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 343/2003 għandu japplika kemm jekk il-persuna li qed tfittex asil hija dipendenti fuq l-assistenza ta' qarib li jinsab fi Stat Membru ieħor u kemm jekk qarib li jinsab fi Stat Membru ieħor huwa dipendenti fuq l-assistenza tal-persuna li qed tfittex asil.~~

---

| |
|---|
| 🡻 1103/2008/KE, pt. 3(1) of the Annex |

2.~~5~~ Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex ikun implimentat ~~dan l-Artikolu~~ il-paragrafu 1, ~~inklużi, fejn xieraq, mekkaniżmi ta' konċiljazzjoni għas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn Stati Membri dwar il-ħtieġa li jgħaqqdu l-persuni kkonċernati, jew il-post fejn dan għandu jsir,~~ għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu ~~27(3)~~ 40(3).

↓ 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~14~~ 12*

*⌦Il-proċedura tal-familja ⌫*

Fejn membri diversi ta' familja jissottomettu applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ fl-istess Stat Membru fl-istess ħin, jew f'dati fil-qrib biżżejjed biex il-proċeduri biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli jitmexxew flimkien, u fejn l-applikazzjoni tal-kriterji ddikjarati f'dan ir-Regolament tista' twassalhom biex huma jkunu sseparati, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-responsibbiltà biex ikunu eżaminati applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ għal membri tal-familja kollha għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li hu responsabbli biex jieħu inkarigu tal-akbar numru ta' membri tal-familja;

(b) fin-nuqqas ta' dan, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-ixjeħ fosthom.

*Artikolu ~~9~~13*

*⌦Il-ħruġ ta' dokumenti ta' residenza jew viża ⌫*

1. Fejn il-persuna li tfittex l-ażil tkun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ .

2. Fejn il-persuna li tfittex l-ażil tkun fil-pussess ta' viża valida, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦, sakemm il-viża ma tkunx inħarġet meta huwa jkun qiegħed jaġixxi għal jew fuq awtorizzazzjoni bil-miktub ta' Stat Membru ieħor. F'każ bħal dan, l-Istat Membru tal-aħħar għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ . Fejn Stat Membru l-ewwel jikkonsulta l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru ieħor, b'mod partikolari għal raġunjiet ta' sigurtà, it-tweġiba ta' dan tal-aħħar għal-konsultazzjoni ma tikkostitwixxix awtorità bil-miktub fit-tifsira ta' din id-dispożizzjonijiet.

3. Fejn il-persuna tfittex l-ażil tkun fil-pussess ta' iktar minn dokument wieħed ta' residenza validu jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ għandhom jidħlu għaliha l-Istati Membri fl-ordni li ġejja:

(a) l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li jagħti d-dritt għall-itwal perijodu ta' residenza jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat

Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li għandu l-aktar tard id-data ta' skadenza;

(b) l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar tard id-data ta' skadenza fejn il-viżas varji huma tal-istess tip;

(c) fejn viżas huma ta' xorta differenti, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-itwal perijodu ta' validità, jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar tard id-data ta' skadenza.

4. Fejn il-persuna tfittex l-ażil tkun fil-pussess biss ta' dokument ta' residenza wieħed jew iktar li jkunu skadew inqas minn sentejn qabel jew viża waħda jew iktar li jkunu skadew inqas minn sitt xhur qabel u li għamlu possibbli għaliha biex attwalment tidħol fit-territorju ta' Stat Membru, il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw saż-żmien li l-applikant ma jkunx ħareġ mit-territorji tal-Istati Membri.

Fejn il-persuna tfittex l-ażil tkun fil-pussess ta' dokument ta' residenza wieħed jew iktar li jkunu skadew iktar minn sentejn qabel jew viża waħda jew iktar li jkunu skadew iktar minn sitt xhur qabel u li għamlu possibbli għaliha biex attwalment tidħol fit-territorju ta' Stat Membru u fejn hija ma ħarġitx mit-territorji tal-Istati Membri, l-Istat Membru li fih l-applikazzjoni ⇨ għall-protezzjoni internazzjonali ⇦ hija ddepożitata għandu jkun responsabbli.

5. Il-fatt li dokument ta' residenza jew viża jkun inħareġ fuq bażi ta' identita falza jew mibdula jew fuq sottomissjoni ta' dokumenti ffalsifikati, simulati jew invalidi m'għandux jimpedixxi li r-responsabbilità tkun allokata lill-Istat Membru li jkun ħarġu/ħariġha. Madankollu, l-Istat Membru li joħroġ id-dokument ta' residenza jew viża m'għandux ikun responsabbli jekk jista' jkun stabbilit li l-frodi kienet kommessa wara li d-dokument jew viża kien inħareġ/kienet inħarġet.

*Artikolu ~~10~~14*

*⌦Dħul u qagħad ⌫*

1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22~~18~~(3), inklużi d-data li jirreferi għalihom il-Kapitolu III tar-Regolament ⌦ [dwar it-twaqqif tal-"Eurodac" għal-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin ]⌫ (KE) Nru [.../...] ~~2725/2000,~~ li persuna tfittex l-ażil tkun qasmet b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li tkun ġiet minn pajjiż terz, l-Istat Membru hekk ippenetrat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ . Din ir-responsabbilità għandha tieqaf 12-il xahar wara d-data li fiha l-qsim irregolari tal-konfini jkun ġara.

2. Meta Stat Membru ma jistax jew ma jkunx jista' jinżamm responsabbli skont il-paragrafu 1, u fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22~~18~~(3), li l-persuna tfittex l-ażil - li tkun daħlet fit-territorji tal-Istati Membri b'mod irregolari jew li ċ-ċirkostanzi tad-dħul tagħha ma jistgħux ikunu stabbiliti - ~~fiż-żmien li tkun iddepożitat l-applikazzjoni~~ kienet toqgħod ~~minn qabel~~ għal perijodu kontinwu ta' għall-inqas

ħames xhur fi Stat Membru ⌦ qabel ma ddepożitat l-applikazzjoni ⌫ , dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦

Jekk l-applikant kien joqgħod għal perjodi ta' żmien ta' għall-inqas ħames xhur fi Stati Membri diversi, l-Istat Membru fejn dan kien l-aktar reċentement il-każ għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ .

*Artikolu 11~~15~~*

*⌦Dħul b'rinuzja għall-viża ⌫*

1. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz ⇨ jew persuna mingħajr Stat ⇦ jidħol fit-territorju ta' Stat Membru li fih il-ħtieġa li jkollu ~~jew ikollha~~ viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ tiegħu ~~jew tagħha~~.

2. Il-prinċipju ddikjarat fil-paragrafu 1 ma japplikax, jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ⇨ jew persuna mingħajr Stat ⇦ jiddepożita l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ tiegħu ~~jew tagħha~~ fi Stat Membru ieħor, li fih il-ħtieġa li jkollu ~~jew ikollha~~ viża għad-dħul fit-territorju tkun ukoll irrinunzjata. F'dan il-każ, l-Istat Membru tal-aħħar għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ .

*Artikolu ~~12~~16*

*⌦Applikazzjoni għal żona ta' tranżitu internazzjonali f'ajruport ⌫*

Fejn l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ issir f'żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz ⇨ jew persuna mingħajr Stat ⇦, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

## KAPITOLU IV

~~KLAWSOLA UMANITARJA~~

***⌦KLAWSOLI DISKREZZJONALI ⌫***

*Artikolu ~~15~~17*

*⌦Klawsoli diskrezzjonali ⌫*

---

| |
|---|
| ➔ 343/2003/KE Artikolu 3(2) (adattat)<br>⇨ ġdid |

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3, ~~paragrafu~~ (1), kull Stat Membru jista', ⇨ b'mod partikolari għal raġunijiet umanitarji u ta' kompassjoni, ⇦ ⌦ jiddeċiedi li ⌫ jeżamina applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz, ukoll jekk eżami tali mhux ir-responsabbilta tiegħu taħt il-kriterji preskritti f'dan ir-Regolament, ⇨ sakemm l-applikant jaqbel ma' dan ⇦ .

F'dan il-każ, dak l-Istat Membru għandu jsir l-Istat Membru responsabbli fit-tifsira ta' dan ir-Regolament u għandu jassumi l-obbligi assoċjati ma' dik ir-responsabbiltà. Fejn jixraq, huwa għandu jgħarraf lill-Istat Membru li qabel kien responsabbli, l-Istat Membru li jmexxi proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru li kien intalab biex jinkariga ruħu jew jieħu lura l-applikant ⇨ billi juża in-netwerk ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilita skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003 ⇦.

L-Istat Membru li sar responsabbli skont dan il-paragrafu għandu minnufih jindika wkoll fil-EURODAC li huwa assuma r-responsabbiltà skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru [.../...] [dwar it-twaqqif tal-"EURODAC" għal-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin].

---

| |
|---|
| ➔ 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

2. ~~1 Kull Stat Membru, ukoll fejn ma jkunx responsabbli taħt il-kriterji ddikjarati f'dan ir-Regolament~~ ⌦ L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli ⌫ jista' ⇨ f'kull ħin, jitlob Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ⇦ jġib flimkien membri tal-familja, kif ukoll qraba oħra ~~dipendenti~~, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjali u kulturali, ⇨ ukoll fejn dan l-Istat Membru mhux responsabbli skont il-kriterja stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 12 ta' dan ir-

Regolament ⇦ . ~~F'dan il-każ dak l-Istat Membru għandu, wara talba ta' Stat Membru ieħor, jeżamina l-applikazzjoni għall-ażil tal-persuna kkonċernata.~~ Il-persuni kkonċernati għandhom ⌦ juri li ⌫ jaqblu ⌦ bil-miktub ⌫.

---

↓ 1560/2003 Artikolu 13(2)

It-talba biex jittieħed l-inkarigu għandha jkollha fiha l-materjal kollu fil-pussess tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba sabiex jippermetti lill-Istat Membru mitlub biex jistma s-sitwazzjoni.

---

↓ 1560/2003 (adattat) Artikolu 13(3)
⇨ ġdid

⌦L-Istat Membru mitlub għandu jwettaq ⌫ ~~il-kontrolli~~ kull kontroll meħtieġ ~~biex jistabbilixxi, fejn applikabbli, raġunijiet umanitarji, partikolarment ta' natura familjari jew kulturali, il-livell ta' dipendenza tal-persuna konċernata jew l-abilità u l-impenn tal-persuna l-oħra konċernata li tipprovdi l-assistenza mixtieqa.~~ ⇨ biex jissusstanzja r-raġunijiet umanitarja msemmija, u għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien xahrejn mid-data li kienet rċevuta t-talba. Deċiżjoni li tirrifjuta t-talba għandha tagħti r-raġunijet fuq hiex hija bbażata. ⇦

---

↓ 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~4.~~ Fejn l-Istat Membru ⌦ lit kun saritlu t-talba ⌫ ~~hekk avviċinat jilqa'~~ ⌦ jaċċetta ⌫ t-talba, ir-responsabbilta biex jeżamina l-applikazzjoni għandha tkun ittrasferita lilu.

| |
|---|
| 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*KAPITOLU V*

~~TEHID TA' INKARIGU U TEHID LURA~~

⌦*OBBLIGI TAL-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI* ⌫

*Artikolu ~~16~~18*

⌦*Obbligi tal-Istat Membru responsabbli* ⌫

1. L-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-~~ażil~~ taħt dan ir-Regolament għandu jkun obbligat:

(a) jieħu inkarigu, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 21~~17sa 19~~, 22 u 28, ta' persuna tfittex l-ażil li tkun iddepożitat applikazzjoni fi Stat Membru differenti;

(b)~~(c)~~ jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 23, 24 u 28 ~~20~~, applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun taħt eżami u li ⇨għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li⇦ jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr ~~permess~~⇨document ta' residenza⇦ ;

(c)~~(d)~~ jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 23, 24 and 28 ~~20~~, applikant li jkun irtira l-applikazzjoni taħt eżami u jkun għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor;

(d)~~(e)~~ jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 23, 24 u 28 ~~20~~, ċittadin ta' pajjiż terz li l-applikazzjoni tiegħu kienet rifjutata u li ⇨għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li⇦ jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr ~~permess~~ ⇨ dokument ta' residenza ⇦ ;

⌦ 2. L-Istat Membru responsabbli għandu ⌫ ⇨f'kull ċirkostanza msemmija fil-paragrafu 1 ittri (a) sa (d) jeżamina jew⇦~~(b)~~ itemm l-eżami tal-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali magħmula mill-applikant, fit-tifsira tal-Artikolu 2(d). Meta l-Istat Membru responsabbli ma kompliex l-eżami ta' applikazzjoni wara li din ġiet irtirata mill-applikant, dan għandu jirrevoka dik id-deċiżjoni u jtemm l-eżami tal-applikazzjoni, fit-tifsira tal-Artikolu 2(d). ⇦

*Artikolu19*

⌦ *Tmiem tar-responsabbilitajiet* ⌫

1. 2.Fejn Stat Membru joħroġ dokument ta' residenza lill-applikant, l-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18 paragrafu (1), għandhom ikunu ttrasferiti lil dak l-Istat Membru.

2. 3.L-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18 fil-paragrafu (1) għandhom jieqfu fejn ⇨l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni jista' jistabbilixxi, fejn mitlub li jieħu ħsieb jew jieħu applikant jew persuna oħra lura kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d), li⇦ iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ⌦ l-persuna kkonċernata ⌫ tikun ħalla ħalliet it-territorju tal-Istati Membri għall-inqas għal tliet xhur, sakemm iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ⌦ il-persuna kkonċernata ⌫ ma tkunx jkunx fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu maħruġ mill-Istat Membru responsabbli.

---

⇩ ġdid

Applikazzjoni ddepożitata wara assenza bħal din għandu tkun meqjusa bħala applikazzjoni ġdida u twassal għal proċedura ġdida biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli.

---

🡻 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

3. 4.L-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18 fil-paragrafu (1)(c)(d) u (d)(e), għandhom bl-istess mod jieqfu ladarba ⌦ fejn ⌫ l-Istat Membru responsabbli li jeżamina l-applikazzjoni ⇨jista' jistabbilixxi, meta mitlub li jieħu lura persuna, li⇦ ikun adotta u attwalment implimenta, wara l-irtirar jew ċaħda tal-applikazzjoni, id-dispożizzjonijiet li huma meħtieġa qabel iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jmur lejn pajjiżu ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor li lejh jista' jivvjaġġa legalment ⇨l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija li kien ħareġ wara l-irtirar jew ir-rifjut tal-applikazzjoni⇦.

---

⇩ ġdid

Applikazzjoni ddepożitata wara tkeċċija effettiva għandha tkun meqjusa bħala applikazzjoni ġdida u twassal għal proċedura ġdida biex ikun iddeterminat l-Istat Membur responsabbli.

| |
|---|
| ➔ 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

## KAPITOLU VI

### *⌦IL-PROĊEDURA TA' TEĦID TA' INKARIGU U TA' TEĦID LURA ⌫*

### *⌦SEZZJONI I: Il-bidu tal-proċedura ⌫*

*Artikolu ~~4~~20*

*⌦Il-bidu tal-proċedura ⌫*

1. Il-proċess biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli taħt dan ir-Regolament għandu jibda hekk kif applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨protezzjoni internazzjonali⇦ tkun iddepożitata għall-ewwel darba għand Stat Membru.

2. Applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ għandha titqies li kienet iddepożitata meta formola sottomessa mill-applikant ~~għall-ażil~~ jew rapport ippreparat mill-awtoritajiet ikun wasal għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn applikazzjoni ma tintgħamilx bil-miktub, iż-żmien li jgħaddi bejn id-dikjarazzjoni ta' intenzjoni u l-preparazzjoni ta' rapport għandu jkun kemm jista' jkun qasir.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, is-sitwazzjoni ta' minorenni li jkun jakkumpanja lil persuna tfittex l-ażil u jissodisfa d-definizzjoni ta' membru tal-familja ddikjarata fl-Artikolu 2, il-punt (i), għandha tkun indissoċjabbli minn dik tal-ġenitur jew tutur tiegħu u għandha tkun affari tal-Istat Membru responsabbli li jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ta' dak il-ġenitur jew tutur, ukoll jekk il-minorenni mhuwiex individwalment persuna tfittex l-ażil ⇨ , sakemm huwa fl-aħjar interess tiegħu/tagħha ⇦ . L-istess trattament għandu jkun applikat lil tfal imwielda wara li persuna tfittex l-ażil tasal fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr il-ħtieġa li tinbeda proċedura ġdida biex wieħed jinkariga ruħu minnhom

4. Fejn applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ tkun iddepożitata għand l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru minn applikant li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, id-determinazzjoni tal-Istat Membru reSponsabbli għandha tintgħamel mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-applikant ikun preżenti. L-Istat Membru tal-aħħar għandu jkun infurmat mingħajr dewmien mill-Istat Membru li jkun irċieva l-applikazzjoni u mbagħad għandu, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, ikun ikkonsidrat bħala l-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ kienet iddepożitata.

L-applikant għandu jkun infurmat bil-miktub b'dan it-trasferiment u bid-data li fiha sar.

5. Persuna tfittex l-ażil li hija preżenti fi Stat Membru ieħor u hemm tiddepożita applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ wara li tirtira l-⌦ ewwel ⌫ applikazzjoni tagħha ⌦ magħmula fi Stat Membru ieħor ⌫ matul il-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli għandha tittieħed lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 2023, 24 and 28 , mill-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ kienet ⌦ l-ewwel ⌫ iddepożitata, bil-ħsieb li jtemm il-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦

Dan l-obbligu għandu jieqaf, ⇨ meta l-Istat Membru mitlub biex item il-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jista' jistabbilixxi li ⇦ jekk il-persuna tfittex l-ażil tkun sadattant telqet mit-territorji tal-Istat Membru għal perijodu ta' mill-inqas tliet xhur jew tkun kisbet dokument ta' residenza minn mill-Istat Membru ⌦ ieħor ⌫.

---

⇩ ġdid

Applikazzjoni ddepożitata wara assenza bħal din għandha tkun meqjusa bħala applikazzjoni ġdida u twassal għal proċedura ġdida biex ikun iddeterminat l-Istat Membur responsabbli.

---

🡻 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

*⌦Sezzjoni II: Il-proċeduri għat-talbiet biex jittieħed inkarigu ⌫*

*Artikolu 1721*

*⌦Preżentazzjoni ta' talba biex jittieħed inkarigu ⌫*

1. Fejn Stat Membru li għandu kienet iddepożitata applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ jikkonsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni, jista', kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet iddepożitata fit-tifsira tal-Artikolu 420(2), jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu inkarigu tal-applikant.

Fejn it-talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant ma ssirx fi żmien perijodu ta' tliet xhur, ir-responsibilita biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ għandha tkun tal-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni kienet iddepożitata.

2. L-Istat Membru li jagħmel it-talba jista' jitlob tweġiba urġenti f'każijiet fejn l-applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ kienet iddepożitata wara permess biex jidħol jew jibqa' kien irrifjutat, wara arrest minħabba qagħda illegali

jew wara preżentazzjoni jew eżekuzzjoni ta' ordni ta' tneħħija u/jew fejn il-persuna tfittex l-ażil tkun tinżamm f'detenzjoni.

It-talba għandha tiddikjara ir-raġunijiet li jiġġustifikaw tweġiba urġenti u l-perijodu li fih tweġiba tkun mistennija. Dan il-perijodu għandu jkun għall-inqas ta' ġimgħa.

3. Fiż-żewġ każijiet, it-talba li jittieħed inkarigu minn Stat Membru ieħor għandha ssir billi tintuża formola standard u tinkludi prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu ~~18~~22(3) u/jew elementi relevanti mid-dikjarazzjoni tal-persuna tfittex l-ażil, li jagħmlu possibbli għall-awtoritajiet tal-Istat Membru li tkun saritlu t-talba li jikkontrollaw jekk hux responsabbli fuq il-bażi tal-kriterji preskritti f'dan ir-Regolament.

Ir-regoli dwar il-preparazzjoni u l-proċeduri biex ikunu trażmessi talbiet għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ki jirreferi għaliha l-Artikolu 40(2) ~~27(2).~~

*Artikolu ~~18~~22*

*⌦Tweġiba għal talba biex jittieħed inkarigu ⌫*

1. L-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jagħti deċiżjoni fuq it-talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant fi żmien xahrejn mid-data li fiha t-talba kienet irċevuta.

2. Fil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ stabbilita f'dan ir-applikazzjoni, elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali għandhom ikunu użati.

3. Skont il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~27(2)~~ 40(2) żewġ listi għandhom ikunu stabbiliti u perjodikament irriveduti, li juru l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali skont il-kriterji li ġejjin:

(a) Prova:

(i) Dan jirreferi għal prova formali li tiddetermina r-responsabbilta skont dan ir-Regolament, sakemm ma tkunx irrifjutata bi prova għal kuntrarju.

(ii) L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kumitat li jipprovdi għalih l-Artikolu ~~27~~ 40 mudelli ta' tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali.

(b) Xhieda ċirkostanzjali:

(i) Dan jirreferi għal elementi indikattivi li filwaqt li jistgħu jkunu konfutati jistgħu jkunu suffiċjenti, f'ċerti każijiet, skont il-valur evidenzjarju li jingħatalhom.

(ii) Il-valur evidenzjarju tagħhom, f'relazzjoni mar-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ għandu jkun evalwat fuq bażi ta' każ każ.

4. Ir-rekwiżit ta' prova m'għandux jeċċedi dak li hu meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament.

5. Jekk m'hemmx prova formali, l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu jekk ix-xhieda ċirkostanzjali tkun koerenti, verifikabbli u ddettaljata suffiċjentement biex tistabbilixxi responsabbiltà.

6. Fejn l-Istat Membru li jagħmel it-talba jkun ġab l-urġenza bħala raġuni, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu ~~17(2)~~ 21(2), l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jagħmel kull sforz biex jikkonforma mal-limitu ta' żmien mitlub. F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jkun muri li l-eżami ta' talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant ikun partikolarment kompless, l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba jista' jagħti t-tweġiba wara l-limitu ta' żmien mitlub, imma f'kull każ fi żmien xahar. F'sitwazzjonijiet bħal dawn l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jipposponi tweġiba lill-Istat Membru li jagħmel it-talba fil-limitu ta' żmien oriġinarjament mitlub.

7. Nuqqas ta' azzjoni fi żmien il-perijodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 1 u l-perijodu ta' xahar imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkollu effett ugwali ta' riċeviment tat-talba, u jinvolvi l-obbligu li tittieħed inkarigu tal-persuna, inklużi ~~l-provvedimenti~~ ⌦ l-obbligu biex jipprovdi ⌫ għal arranġamenti xierqa għal wasla.

*⌦Sezzjoni III. Il-Proċeduri għat-talbiet biex jittieħed lura ⌫*

*Artikolu ~~20~~ 23*

*⌦Preżentazzjoni ta' talba biex jittieħed lura ⌫*

---

| |
|---|
| 🡻 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

1. ~~Persuna tfittex l-ażil għandha tittieħed lura~~ ⇨ Meta Stat Membru fejn ġiet iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali suċċessiva jew li fit-territorju tiegħu joqgħod applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) mingħajr dokument ta' residenza, jikkonsidra li Stat Membu ieħor huwa responsabbli ⇦ skont l-Artikolu ~~4~~20(5) u l-Artikolu ~~16~~18(1) ~~(c)~~(b), ~~(d)~~(c) u ~~(e)~~(d), ~~kif ġej:~~ ⇨dan jista' jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu lura l-applikant. ⇦

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

2. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali suċċessiva, it-talba biex il-persuna kkonċernata tittieħed lura għandha ssir kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn minn meta rċieva t-talba mill-EURODAC, kif iddefinit mill-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) [.../...] [dwar it-twaqqif tal-"Eurodac" għal-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin ].

Jekk it-talba biex jittieħed lura applikant li ddepożita applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali suċċessiva tkun ibbażata fuq evidenza li mhix dejta meħuda mis-sistema tal-EURODAC, din għandha tkun mibgħuta lill-Istat Membru li saritlu t-talba fi żmien tliet xhur mid-data li fiha kienet iddepożitata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 20(2).

3 Meta ma hemm ebda applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali suċċessiva, u fil-każ li l-Istat Membru li qed jagħmel it-talba jiddeċiedi li jfittex fis-sistema EURODAC skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) [.../...] [dwar it-twaqqif tal-"Eurodac" għal-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin], it-talba biex il-persuna kkonċernata tittieħed lura għandha ssir kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn minn meta rċieva t-talba mill-EURODAC, skont l-Artikolu 13(4) ta' dak ir-Regolament.

Jekk it-talba biex tittieħed lura l-persuna kkonċernata tkun ibbażata fuq evidenza differenti minn dik meħuda mis-sistema tal-EURODAC, din għandha tkun mibgħuta lill-Istat Membru li sartilu t-talba fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-Istat Membru li għamel it-talba sar jaf li Stat Membru ieħor jista' jkun responsabbli minn dik il-persuna kkonċernata.

4. Meta t-talba biex jittieħed lura applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) ma ssirx fi żmien il-perjodi stabbliti fil-paragrafi 2 u 3, ir-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni kienet iddepożitata suċċessivament jew li fit-territorju tiegħu qed tgħix il-persuna, mingħajr dokument ta' residenza.

---

| ↓ 343/2003/KE (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

5 ~~(a)~~ It-talba għall-applikant ⌦ jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) ⌫ biex jittieħed lura ⇨ għandha ssir permezz tal-formola standard u tinkludi prova jew evidenza indizjarja u/jew elementi relevanti mid-dikjarazzjonijiet tal-persuna, ⇦ ~~għandu jkun fiha informazzjoni~~ li tagħmel possibbli għall- ⌦ awtoritajiet tal- ⌫ Istat Membru li saritlu t-talba li jikkontrolla ~~li huwa~~ ⌦ jekk hux ⌫ responsabbli

~~3.~~ Ir-regoli ta' prova u xhieda u l-interpretazzjoni tagħhom, u dwar il-preparazzjoni ta' talbiet u l-proċeduri għat-trażmissjoni tagħhom, għandhom ikunu adottati skont il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~27(2)~~40(2).

*Artikolu 24*

*⌦Tweġiba għal talba biex jittieħed lura ⌫*

~~(b)~~1. ~~l-~~L-Istat Membru ⌦ li saritlu t-talba ⌫ ~~mitlub biex jieħu lura l-applikant~~ għandhu ~~jkun obbligat~~ jagħmel il-kontrolli meħtieġa u ⌦ jagħti deċiżjoni dwar it- ⌫ ~~jwieġeb għat-~~talba ⌦ biex jieħu lura l-persuna kkonċernata ⌫ ~~indirizzata lilu~~ kemm jista' jkun malajr u ~~taħt ebda ċirkostanzi ma jeċċedi perijodu ta'~~ ⌦ f'kull każ mhux iktar tard minn ⌫ xahar ~~mir-referenza~~ ⌦ mid-data meta kienet rċevuta t-

talba ⌫ . Meta t-talba tkun ibbażata fuq data miksuba mis-sistema Eurodac, dan il-limitu ta' żmien jitnaqqas għal ġimagħtejn;.

(c)2.fejn l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba ma jikkomunikax id-deċiżjoni tiegħu ⌦ Nuqqas ta' azzjoni ⌫ fil-perijodu ta' xahar jew fil-perijodu ta' ġimagħtejn imsemmi fis-subparagrafu (b) (1), ⌦ għandu jfisser aċċettazzjoni tat-talba ⌫ ⇨ u jinvolvi l-obbligu ⇦ għandu jkun ikkonsidrat li jkun qabel li jieħu lura l-persuna tfittex l-ażil ⌦l-persuna kkonċernata ⌫⇨, inkluż l-obbligu li jipprovdi arranġamenti xierqa għall-wasla⇦ .

Stat Membru li jaqbel li jieħu lura persuna tfittex l-ażil għandu jkun obbligat li jdaħħal mill-ġdid dik il-persuna fit-territorju tiegħu. It-trasferiment għandu jkun eżegwit skont il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru li jagħmel it-talba, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, kemm jista' jkun prattikament possibbli, u l-iktar tard fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba biex jittieħed inkarigu minn Stat Membru ieħorjew mid-deċiżjoni wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv;

L-Istat Membru li jkun għamel it-talba għandu jinnotifika lill-persuna tfittex l-ażil bid-deċiżjoni dwar il-fatt li jittieħed lura mill-Istat Membru responsabbli. Id-deċiżjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata. Hi għandu jkun fiha dettalji tal-limitu ta' żmien dwar l-eżekuzzjoni tat-trasferiment u għandu, jekk meħtieġ, jkun fiha informazzjoni dwar il-post u d-data li fihom l-applikant għandu jidher, jekk qiegħed jivvjaġġa għall-Istat Membru responsabbli bil-mezzi tiegħu stess. Din id-deċiżjoni hija suġġetta għal appell jew reviżjoni. Appell jew reviżjoni dwar din id-deċiżjoni m'għandux jissospendi l-implimentazzjoni tat-trasferiment ħlief meta l-qrati jew il-korpi kompetenti jiddeċiedu li jsir hekk fuq il-bażi ta' każ b'każ jekk il-leġislazzjoni nazzjonali tippermetti dan.

Jekk meħtieġ, il-persuna tfittex l-ażil għandha tingħata mill-Istat Membru li jagħmel it-talba laissez passer ta' l-għamla adottata skont il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu 27(2).

L-Istat Membru responsabbli għandu jgħarraf lill-Istat Membru li jagħmel it-talba, kif xieraq, bil-wasla salva tal-persuna tfittex l-ażil jew bil-fatt li ma dehritx fil-limitu tal-ħin stabbilit.

2. Fejn it-trasferiment ma jsirx il-limitu ta' żmien ta' sitt xhur, ir-responsabbilta għandha tkun ta' l-Istat Membru li fih l-applikazzjoni għall-ażil kienet iddepożitata. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment jew l-eżami ta' l-applikazzjoni ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna tfittix l-ażil jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jew il-persuna tfittex l-ażil tkun ħarbet.

3. Ir-regoli ta' prova u xhieda u l-interpretazzjoni tagħhom, u dwar il-preparazzjoni ta' talbiet u l-proċeduri għat-trażmissjoni tagħhom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu 27(2).

4. Regoli supplimentari dwar l-eżekuzzjoni ta' trasferimenti jistgħu jkunu adottati skond il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu 27(2).

*⌦Sezzjoni IV. Salvagwardji proċedurali ⌫*

*Artikolu ~~19~~25*

*⌦In-notifika tad-deċiżjoni tat-trasferiment ⌫*

1. Meta l-Istat Membru li saritlu t-talba ~~jaċċetta~~ ⌦ jaqbel ⌫ li ~~għandu~~ jieħu inkarigu ⌦ jew jieħu lura ⌫ applikant jew ⌦ persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) ⌫, l-Istat Membru ⌦ li jkun għamel it-talba ⌫ ~~li fih kienet iddepożitata l-applikazzjoni għall-ażil~~ għandu jinnotifika lill-persuna ~~tfittex l-ażil~~ ⌦ kkonċernata ⌫ ~~bid-deċiżjoni biex ma tkunx eżaminata l-applikazzjoni, u bl-obbligu~~ ⌦ bid-deċiżjoni ⌫ li tkun ittrasferita ~~l-applikant~~ lejn l-Istat Membru responsabbli ⌦ u, fejn xieraq, bid-deċiżjoni li ma jeżaminax l-applikazjoni tagħha. ⌫ ⇨Din in-notifika għandha ssir bil-miktub, fl-lingwa li l-persuna hi mistennija li tifhem u fi żmien mhux aktar minn ħmistax il-ġurnata tax-xogħol mid-data tal-irċevuta tat-tweġiba mill-Istat Membru li saritlu t-talba. ⇦

2. Id-deċiżjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata~~.~~ ,⇨inkluża deskrizzjoni tal-fażijiet ewlenin tal-proċedura li jwasslu għad-deċiżjoni. Hija għandu jkollha informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u ż-żmien limitu applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji, kif ukoll informazzjoni dwar il-persuni jew entitajiet li jistgħu jipprovdu assistenza legali speċifika u rappreżentazzjoni għall-persuna. ⇦ Hija għandu jkun fiha d-dettalji tal-limitu ta' żmien biex ikun eżegwit it-trasferiment u, jekk meħtieġ, għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-post ⌦ fejn, ⌫ u d-data li fihom ~~l-applikant~~ ⌦ il-persuna kkonċernata ⌫ għandha~~u~~ t~~j~~idher, jekk ser t~~j~~ivvjaġġa lejn l-Istat Membru ⌦ responsabbli ⌫ bil-mezzi tiegħha~~u~~ stess. ⇨ Għandu jkun stabbilit iż-żmien limitu biex jitwettaq it-trasferiment sabiex jagħtu lill-persuna żmien raġonevoli biex tfittex rimedju skont l-Artikolu 26. ⇦ ~~Din id-deċiżjoni tista' tkun soġġett għal appell jew għal reviżjoni. Appell jew reviżjoni dwar din id-deċiżjoni m'għandux jissospendi l-implimentazzjoni tat-trasferiment ħlief meta l-qrati jew il-korpi kompetenti jiddeċiedu li jsir hekk fuq il-bażi ta' każ b'każ jekk il-leġislazzjoni nazzjonali tippermetti dan.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 26*

*Rimedji*

1. L-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi tad-deċiżjoni tat-trasferiment msemmija fl-Artikolu 25, quddiem qorti jew tribunal.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perijodu ta' żmien raġonevli li fih l-applikant jew il-persuna kkonċernata jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont il-paragrafu 1.

3. Fil-każ ta' appell jew reviżjoni dwar deċiżjoni ta' trasferiment msemmi fl-Artikolu 25, l-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha, billi taġixxi *ex-officio*, tiddeċiedi, kemm jista' jkun malajr, u f'kull każ mhux iktar tard minn sebat ijiem tax-xogħol minn meta kien iddepożitat l-appell jew ir-reviżjoni, jekk il-persuna kkonċernata tistax tibqa' fit-territorju tal-Istati Membru kkonċernat sakemm jintemm l-appel jew ir-reviżjoni, jew le.

4. Ebda trasferiment m'għandu jsir qabel ma tittieħed id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3. Deċiżjoni li ma tippermettix lill-persuna kkonċernata tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat sakemm jintemm l-appel jew ir-reviżjoni, għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna kkonċernata għandha aċċess għall-assistenzalegali u/jew rappreżentanza u, fejn neċessarju, assistenzalingwistika.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenzau/jew ir-rappreżentanza se tingħata b'xejn fejn il-persuna kkonċernata ma tistax tħallas l-ispejjeż involuti.

Il-proċeduri għall-aċċess għall-assistenzalegali f'dawn il-każijiet għandhom ikunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

*Sezzjoni V. Id-detenzjoni għar-raġunijiet ta' trasferiment*

*Artikolu 27*

*Detenzjoni*

1. L-Istati Membri m'għandhom iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa applikant għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2005/85/KE.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 8(2) tad-Direttiva […/…/KE] i tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxu ażil, meta jidher neċessarju u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, u jekk ma jkunux jistgħu jkunu applikanti effettivament miżuri oħra inqas koerżivi, l-Istati Membri jistgħu jżommu persuna tfittex l-ażil jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d), li huwa soġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment għal Stat Membru responsabbli, f'post partikolari biss jekk hemm riskju sinifikanti li din taħrab.

3. Meta jkun qed jagħmel valutazzjoni ta' miżuri oħra inqas koerżivi għar-raġuni tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni alternattiv għad-detenzjoni bħal ma huwa r-rappurtaġġ regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, l-obbligu li jibqa' f'post magħżul jew miżuri oħra li jipprevjenu r-riskju ta' ħarba.

4. Id-detenzjoni skont il-paragrafu 2 tista' tkun applikata biss mill-mument li tkun notifikata d-deċiżjoni tat-trasferment għall-Istat Membru responsabbli lill-persuna kkonċernata skont l-Artikolu 25, sakemm il-persuna tkun trasferita lejn l-Istat Membru responsabbli.

5. Id-detenzjoni skont il-paragrafu 2 għandha tkun ordnata għall-inqas żmien possibbli. Din m'għandhiex tkun itwal miż-żmien raġonevoli neċessarju biex jitwettqu l-proċeduri amministrattiv neċessarji biex jitwettaq it-trasferiment.

6. Id-detenzjoni skont il-paragrafu 2 għandha tkun ordnata mill-awtoritajiet ġudizzjarji. F'każi urġenti tista' tkun ordnata mill-awtoritajiet amministrattivi, u f'dawn il-każi, l-ordni ta' detenzjoni għandha tkun ikkonfermata mill-awtoritajiet ġudiżżjarji fi żmien 72 siegħa mill-bidu tad-detenzjoni. Meta l-awtorità ġudizzjarja ssib li d-detenzjoni hija kontra l-liġi, il-persuna kkonċernata għandha tkun meħlusa immedjatament.

7. Id-detenzjoni skont il-paragrafu 2 għandha tkun ordnata bil-miktub bir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, b'mod partikolari bi speċifikazzjoni tar-raġunijiet li kienu l-bażi biex ikun ikkonsidrat li hemm riskju sinifikanti tal-ħarba tal-persuna kkonċernata kif ukoll il-perijodu ta' żmien u d-dewmien tiegħu.

Il-persuni fid-detenzjoni għandhom ikunu jafu r-raġunijiet tad-detenżjoni immedjatament, kif ukoll kemm mistenni li ddum id-detenzjoni u l-proċedura stabbiliti fil-liġi nazzjonali biex tisfida l-ordni ta' detenzjoni, fl-lingwa li huma mistennija li jifhmu.

8. F'kull każ ta' persuna f'detenzjoni skont il-paragrafu 2, id-detenzjoni kontinwata għandha tkun riveduta minn awtorità ġudizzjarja f'intervalli ta' żmien raġonevoli jew fuq talba tal-persuna kkonċernata jew *ex officio*. Id-detenzjoni qatt m'għandha tkun imtawla bla bżonn.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess għall-assitenza u/jew rappreżentanza legali fil-każijiet ta' detenzjoni skont il-paragrafu 2 li għandha tkun b'xejn fejn il-persuna kkonċernata ma tista' tħallas l-ispejjeż involuti.

Il-proċeduri għall-aċċess għall-assistenzalegali u/jew rappreżentanza f'dawn il-każijiet għandhom ikunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

10. Persuni minorenni m'għandhomx jinżammu f'detenzjoni sakemm mhuhiex fl-aħjar interess tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament u skont l-eżami individwali tas-sitwazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxu ażil.

11. Minorenni mhux akkumpanjati qatt m'għandhom jinżammu f'detenzjoni.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jfittxu l-ażil f'detenzjoni skont dan l-Artikolu għandhom l-istess livell ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti f'detenzjoni bħal dawk stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikolu 10 u 11 tad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxu ażil.

| |
|---|
| 🡻 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

⌦Sezzjoni VI: It-Trasferimenti ⌫

Artikolu ~~19~~28

⌦Modalitajiet u żmien limitu ⌫

1~~3.~~ It-trasferiment tal-applikant ⌦ jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) ⌫ mill-Istat Membru ⌦ li għamel it-talba ⌫ ~~li fih ġiet iddepożitata l-applikazzjoni~~ lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ⌦ li għamel it-talba ⌫, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, kemm jista' jkun prattikament possibbli, u l-iktar tard fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ~~biex jittieħed inkarigu~~ ⌦ minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata ⌫ jew tad-deċiżjoni wara appell jew reviżjoni fejn ~~ikun hemm~~ effett sospensiv ⇨ ikun mogħti skont l-Artikolu 26(3) ⇦

Jekk meħtieġ, il-persuna tfittex l-ażil għandha tingħata mill-Istat Membru li jagħmel it-talba *laissez passer* tal-għamla adottata skont il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu 40(2) ~~27(2).~~

L-Istat Membru responsabbli għandu jgħarraf lill-Istat Membru li jagħmel it-talba, kif xieraq, bil-wasla salva tal-persuna ~~tfittex l-ażil~~ ⌦ kkonċernata ⌫ jew bil-fatt li ma dehritx fil-limitu tal-ħin stabbilit.

2~~4.~~ Fejn it-trasferiment ma jsirx fiż-żmien limitu ta' sitt xhur, ⇨ l-Istat Membru responsabbli għandu jitneħħewlu l-obbligi biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tkun trasferita lill-Istat Membru li għamel it-talba ⇦ ~~ir-responsabbilta għandha tkun tal-Istat Membru li fih l-applikazzjoni għall-ażil kienet iddepożitata.~~ Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna ~~tfittex l-ażil~~ ⌦ kkonċernata ⌫ jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna ~~tfittex l-ażil~~ ⌦ kkonċernata ⌫ tkun ħarbet.

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

3. Jekk persuna ġiet ittrasferiti bi żball jew deċiżjoni ta' trasferiment ġiet mibdula fl-appell wara li twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li wettaq it-trasferiment għandu jaċċetta dik il-persuna lura minnufih.

🡻 1103/2008/KE, pts. 3(2) and 3(3) of the Annex

~~45.~~ Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli supplementari dwar l-eżekuzzjoni ta' trasferimenti. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu ~~27(3)~~40(3).

⇩ ġdid

*Artikolu 29*

*L-ispejjeż tat-trasferimenti*

1. L-ispejjeż neċessarji għat-trasferiment tal-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) lejn Stat Membru responsabbli għandhom jitħallsu mill-Istat Membru li qed jagħmel it-trasferiment.

2. Meta l-persuna kkonċernata jkollu jintbgħat lura lejn Stat Membru, minħabba trasferiment żbaljat jew deċiżjoni ta' trasferiment li ġiet mibdula fl-appell wara li jkun twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li oriġinarjament għamel it-trasferiment għandu jkun responsabbli tal-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna kkonċernata lura fit-territorju tiegħu.

3. Persuni li se jkunu ttrasferiti skont dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu mitlub jħallsu għall-ispejjeż ta' dawn it-trasferimenti.

4. Jistgħu jkunu adottati regoli supplimentar relatati mal-obbligu tal-Istat Membru li qed jibgħat biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-trasferimenti skont il-proċedura msemmija fil-Artikolu 40(2).

*Artikolu 30*

*L-iskambju ta' informazzjoni relevanti qabel isiru t-trasferimenti*

1. F'kull każ ta' trasferiment, l-Istat Membru li qed jibgħat għandu jinforma lil dak li qed jirċievi jekk il-persuna hix b'saħħitha għat-trasferiment. Il-persuni li huwa b'saħħithom għat-trasferiment biss għandhom ikunu trasferiti.

2. L-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment għandu jikkomunika lill-Istat Membru responsabbli dik id-dejta personali dwar l-applikant li għandu kun trasferit li hija xierqa, relevanti u mhux eċċessiva għall-unika raġuni li tiżgura li l-awtoritajiet tal-ażil kompetenti fl-Istat Membru responsabbli jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu assistenza adegwata lill-applikant, inkluż il-kura medika neċessarja, u li tiżgura kontinwita fil-protezzjoni u d-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament u mid-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' persuni

jfittxu l-ażil. Dik l-informazzjoni għandha tkun komunikata kmieni kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn seba' jiem tax-xogħol qabel isir trasferiment, minbarra meta l-Istat Membru jsir jafha iktar tard.

3. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jagħmlu skambju tal-informazzjoni li ġejja:

(a) Id-dettalji tal-membri tal-familja jew ta' qraba oħra fl-Istat Membru li qed jirċievi, fejn applikabbli;

(b) fil-każ ta' persuni minorenni, informazzjoni dwar il-livell ta' edukazzjoni tagħhom;

(c) Informazzjoni dwar l-età tal-applikant;

(d) kull informazzjoni oħra li l-Istat Membru li qed jibgħat jidhirlu li hi essenzjali sabiex jissalvagwardja d-drittjiet u l-bżonnijiet speċjali tal-applikant kkonċernat.

4. Għall-unika raġuni li tingħata l-kura jew trattament, b'mod partikolari rigward persuni b'diżabbiltà, anżjani, nisa tqal, minorenni u persuni li kienu ttorturati, stuprati jew sofrew forom oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali serji, l-Istat Membru li qed jittrasferixxi għandu jibghat l-informazzjoni dwar xi bżonnijiet speċjali tal-applikant li qed ikun ittrasferit, li f'każijiet speċifiċi tista' tinkludi informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa fiżika u mentali tal-applikant li se jkun ittrasferit. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li dawk il-bżonnijiet speċjali jkunu indirizzati b'mod xieraq, inkluż b'mod partikolari kull kura medika essenzjali li jkun hemm bżonn.

5. Kull informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tkun trażmessa biss mill-Istat Membru li qed jittrasferixxi għall-Istat Membru responsabbli wara li jkun ittieħed l-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew il-rappreżentant tiegħu/tagħha jew meta dan ikun neċessarju biex jipproteġi l-interessi vitali tal-individwu jew ta' persuna oħra fejn hija tkun fiżikament jew legalment inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha. Ladarba jintemm it-trasferiment, din l-informazzjoni għandha tkun imħassra immedjatament mill-Istat Membru li ttrasferixxa.

6. L-ipproċessar tad-dejta personali għandu jsir biss minn professjonisti tas-saħħa soġġett għal-liġi jew regoli nazzjonali stabbiliti mill-korpi kompetenti nazzjonali dwar l-obbligu tas-sigriet professjonali jew minn persuna oħra soġġetta minn obbligu ta' sigriet ekwivalenti. Dan il-professjonisti tas-saħħa u l-persuni li jirċievu u jipproċessaw din l-informazzjoni għandhom jgħaddu minn taħriġ mediku xieraq kif ukoll taħriġ dwar l-ipproċessar xieraq ta' dejta personali sensittiva dwar is-saħħa.

7. L-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jsir biss bejn l-awtoritajiet notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33 permezz tan-network tal-komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbiliti skont l-Artikolu 18 tar-Regolament KE (Nru) 1560/2003. L-awtoritajiet notifikati skont l-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament għandhom jispeċifikaw ukoll liema huma l-professjonisti tas-saħħa awtorizzati biex jipproċessaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. L-informazzjoni skambjata tista' biss tintuża għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.

8. Bil-ħsieb li jkun iffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn Stati Membru, għandha tkun adottata formola standard għat-trasferiment tad-dejta li hemm bżonn skont dan l-Artikolu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 40(2).

9. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 32(8) sa (12) għandhom japplikaw għall-iskambju tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

*Sezzjoni VII: Sospensjoni temporanja tat-trasferimenti*

*Artikolu 31*

1. Meta Stat Membru responsabbli jkun iffaċċjat minn sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi piż eċċezzjonalment tqil fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza tiegħu, is-sistema tal-ażil jew l-infrastruttura, u meta t-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont dan ir-Regolament jista' jżid fuq dan il-piż, dak l-Istat Membru jista' jitlob li jkunu sospiżi dawn it-trasferimenti.

It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Għandha tindika r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi:

(a) deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi piż eċċezzjonalment tqil fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema tal-ażil u l-infrastruttura tal-Istat Membru li saritlu t-talba, inkluża statistika relevanti u xhieda li tappoġġjha;

(b) previżjoni sostanzjata tal-iżvilupp probabli ta' din is-sitwazzjoni fiż-żmien qasir;

(c) spjegazzjoni sostanzjata tal-piż addizzjonali li t-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont dan ir-Regolament jista' joħloq lill-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema tal-ażil u l-infrastruttura tal-Istat Membru li saritlu t-talba, inkluża statistika relevanti u xhieda li tappoġġjha.

2. Meta l-Kummissjoni tikkonsidra li ċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-ażil u mad-Direttiva 2005/85/KE, din tista tiddeċiedi f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4, li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.

3. Meta Stat Membru jkun imħasseb dwar iċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-ażil u mad-Direttiva 2005/85/KE,, dan jista' jitlob li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.

It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Din għandha tindika r-raġunijiet li fuqha bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi dettalji dwar is-sitwazzjoni fl-

Istat Membru kkonċernat li turi l-possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari d-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-ażil u mad-Direttiva 2005/85/KE.

4. Wara li tkun irċeviet it-talba skont il-paragrafi 1 u 3, jew fuq l-inizjattiva tagħha skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li t-trasferimenti tal-applikanti skont dan ir-Regolament lejn l-Istat Membru kkonċernat ikunu sospiżi. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr u mhux iktar tard minn xahar wara li kienet riċevuta t-talba. Id-deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenti għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi:

(a) eżami taċ-ċirkustanzi relevanti kollha fl-Istat Membru lejn fejn jistgħu jkunu sospiżi t-trasferimenti;

(b) eżami tal-impatt potenzjali tas-sospensjoni tat-trasferimenti fuq l-Istati Membru l-oħra;

(c) id-data proposta li fiha għandha tidħol fis-seħħ is-sospensjoni tat-trasferimenti;

(d) kull kondizzjoni partikolari marbuta ma' sospensjoni bħal din.

5. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill u lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tas-sospensjoni tat-trasferimenti kollha tal-applikanti skont dan ir-Regolament lejn l-Istati Membri kkonċernati. Kull Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien xahar minn meta rċeiva n-notifika. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni fi żmien xahar mid-data ta' riferenza mill-Istat Membru.

6. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ta' sospensjoni ta' trasferimenti lejn Stat Membru, l-Istati Membri l-oħra li fihom qegħdin l-applikanti li kellhom it-trasferiment sospiż, għandhom ikunu responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk il-persuni.

Id-deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenit lejn Stat Membru għandhom tieħu konsiderazzjoni xierqa tal-bżonn li jkunu żgurati l-protezzjoni tal-persuni minorenni u l-unità tal-familja.

7. Deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenit lejn Stat Membru skont il-paragrafu 1 għandha tiġġustifika l-għotja ta' assitenza għal miżuri ta' emerġenza stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], wara talba għall-assitenza minn dak l-Istat Membru.

8. It-trasferimenti jistgħu jkunu sospiżi għal perijodu ta' żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur. Meta r-raġunijiet għall-miżuri jkunu għandhom hemm wara sitt xhur, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fuq talba minn l-Istat Membru kkonċernat msemmi fil-paragrafu 1 jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, li tkun estiża l-applikazzjoni tagħhom għal perijodu ieħor ta' sitt xhur. Il-paragrafu 5 japplika.

[35] ĠU L 144, 6.6.2007, p.1.

9. L-ebda parti minn dan l-Artikolu ma tista' tkun interpretata fis-sens li tħalli lill-Istati Membri li jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom biex jieħdu l-miżuri xierqa kollha, sew jekk ġenerali, sew jekk partikolari, biex jiżguraw li jilħqu l-obbligi tagħhom li jiġu mill-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ażil, b'mod partikolari dan ir-Regolament, id-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-ażil u d-Direttiva 2005/85/KE.

---

| |
|---|
| ➔ 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*KAPITOLU ~~VI~~VII*

*KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA*

*Artikolu ~~21~~32*

⌦*L-iskambju ta' informazzjoni* ⌫

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lil kull Stat Membru li jitlob hekk dejta personali tali dwar il-persuna tfittex l-ażil li jkunu xierqa, relevanti u mhux eċċessivi għal:

(a) d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali; ⇦

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għall- ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~ażil~~

(c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu kkawżat minn dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 tista' biss tkopri:

(a) id-dettalji personali tal-applikant, u, fejn xieraq, il-membri tal-familja tiegħu (isem sħiħ u fejn xieraq, isem preċedenti; laqmijiet jew psewdonimi; nazzjonalita, preżenti u preċedenti; data u post tat-twelid);

(b) karti ta' identita u vjaġġar (referenzi, validita, data ta' ħruġ, awtorita li ħarġithom, post ta' ħruġ, eċċ.);

(c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tkun stabbilita l-identita tal-applikant, inklużi marki tas-swaba" pproċessati skont ir-Regolament (KE) ~~No 2725/2000~~ [.../...] ⌦[dwar it-twaqqif tal-"EURODAC" għal-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin] ⌫ ;

(d) post ta' residenza u rotot li tulhom sar il-vjaġġ;

(e) dokumenti ta' residenza jew viżas maħruġa minn Stat Membru;

(f) post fejn l-applikazzjoni kienet iddepożitata;

(g) id-data ta' meta kull applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ preċedenti kienet iddepożitata, id-data ta' meta l-applikazzjoni preżenti kienet iddepożitata, l-istadju milħuq fil-proċeduri u d-deċiżjoni meħuda, jekk jeżistu.

3. Barra min hekk, sakemm huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ , l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob Stat Membru ieħor biex jgħarrfu fuq liema raġunijiet il-persuni tfittex l-ażil qiegħda tibbaża l-applikazzjoni tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. L-Istat Membru jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba ssottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tal-Istat Membru jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali, meħuda mill-Istat Membru li tkun saritlu t-talba ⇦ . ⌦F'dan il-każ l-applikant għandu jkun jaf għal liema informazzjoni qiegħed/qegħda j/tagħti l-approvazzjoni tiegħu/tagħha. ⌫

4. Kull talba għal informazzjoni għandha ⇨ tkun mibgħuta biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali. Hija għandha ⇦tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbilta tal-Istat Membru li tkun saritlu t-talba, inkluża informazzjoni relevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom dwar il-metodi u l-mezzi li bihom persuni jfittxu l-ażil jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, jew dwar fuq liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata. M'hemmx għalfejn jingħad li informazzjoni relevanti bħal din minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhix fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, imma tista' tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' indikazzjonijiet oħra konnessi mal-persuna tfittex l-ażil individwali.

5. L-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jkun obbligat iwieġeb fi żmien ~~sitt~~ ⇨ erba' ⇦ ġimgħat. ⇨ Kull dewmien għat-tweġiba għandu jkun ġustifikat b'mod xieraq. Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru li tkun saritlu t-talba li ma rrispettax iż-żmien limitu massimu, wasslet għal informazzjoni li turi li dan huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jagħmel użu mill-iskadenza taż-żmien limitu stabbilit fl-Artikolu 21 u 23 bħala raġuni biex jirrifjuta li jkun konformi mat-talba biex jieħu ħsieb jew jieħu lura. ⇦

6. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq wara talba ta' Stat Membru u jista' jsir biss bejn aworitajiet li l-ħatra tagħhom minn kull Stat Membru tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni ⇨ skont l-Artikolu 33(1) ⇦ ~~li għandha tgħarraf b'dan lill-Istati Membri l-oħra.~~

7. L-informazzjoni skambjata tista' biss tintuża għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 1. F'kull Stat Membru informazzjoni tali, filwaqt li tkun tiddependi fuq it-tip tagħha u l-poteri tal-awtorita li tirċeviha, tista' biss tkun ikkomunikata lill-awtoritajiet u l-qrati u tribunali fdati bi:

(a) d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali; ⇦

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali; ⇦

(c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu kkawżat minn dan ir-Regolament.

8. L-Istat Membru li jibgħat l-informazzjoni għandu jiżgura li tkun preċiża u aġġornata. Jekk isir magħruf li dak l-Istat Membru kien bagħat informazzjoni li ma tkunx preċiża jew li ma kellhiex tintbagħat, l-Istati Membri li jirċievu għandhom immedjatament ikunu infurmati b'dan. Huma għandhom ikunu obbligati jikkoreġu informazzjoni tali jew iħassruha.

9. Il-persuna tfittex l-ażil għandu jkollha d-dritt li tkun infurmata, wara talba, b'kull dejta li tkun ipproċessata dwarha.

Jekk hija ssib li din l-informazzjoni kienet ipproċessata bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 95/46/KE ~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dejta tali (8),~~ b'mod partikolari għax tkun inkompluta jew mhux preċiża, tkun intitolata li din l-informazjoni tkun korretta~~,~~ ⌦ jew ⌫ imħassra ~~jew imblokkata~~.

L-awtorita li tikkoreġi~~,~~ ⌦ jew ⌫ tħassar ~~jew timblokka~~ d-dejta għandha tinforma, kif xieraq, l-Istat Membru li jittrażmetti jew jirċievi l-informazzjoni.

---

⇩ ġdid

Il-persuna tfittex l-ażil għandu jkollha d-dritt li tressaq azzjoni jew ilment quddiem l-awtoritajiet kompetenti jew il-qrati tal-Istat Membru li rrifjuta d-dritt għall-aċċess għal, jew id-dritt għall-korrezzjoni jew tħassir tad-dejta dwarha.

---

🡻 343/2003/KE (adattat)
⇨ ġdid

10. F'kull Stat Membru kkonċernat, għandu jinżamm rekord, fil-fajl individwali għall-persuna kkonċernata u/jew f'reġistru, tat-trażmissjoni u riċeviment ta' informazzjoni skambjata.

11. Id-dejta skambjata għandham tinżamm għal perijodu li ma jeċċedix dak li hu meħtieġ għall-għanijiet li għalihom tkun skambjata.

12. Fejn id-dejta mhix ipproċessata awtomatikament jew mhux kontenuta, jew intenzjonata li tkun imdaħħla, ġo fajl, kull Stat Membru għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura konformità ma' dan l-Artikolu permezz ta' kontrolli effittivi.

*Artikolu ~~22~~33*

*⌦Awtoritajiet kompetenti u riżorsi ⌫*

1. ⌦Kull ⌫ ~~L-Istati~~ Stat Membri għandu jinnotifika lill-Kummissjoni ⇨ bla dewmien ⇦ bl-awtoritajiet responsabbli ⇨ speċifiċi ⇦ biex jissodisfaw obbligi kkawżati minn dan ir-Regolament ⇨ , u kull emenda tiegħu. ⇦ ⌦ Huma ⌫ ~~u~~ għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu x-xogħlijiet tagħhom u b'mod partikolari għat-tweġibiet fil-limiti ta' żmien preskritt għal talbiet għal informazzjoni, talbiet biex jittieħed inkarigu ta' jew talbiet biex jittieħdu lura persuni jfittxu l-ażil.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista kkonsolidata tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Meta jkun hemm emendi fiha, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista kkonsolidata aġġornata darba f'sena.

3. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragarfu 1 għandhom jirċievu t-taħriġ neċessarju fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

| ⬇ 343/2003/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

~~2~~4. Regoli dwar l-istabbiliment ta' stazzjonijiet ta' trażmissjoni elettronika b'sigurtà bejn l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 biex ikunu trażmessi talbiet ⇨ , tweġibiet u l-korripondenza kollha miktuba ⇦ u jkun żgurat li min jibgħat jirċievi awtomatikament prova elettronika ta' kunsinna għandhom ikunu stabbiliti skont il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu 40(2)~~27(2)~~.

*Artikolu ~~23~~34*

*⌦Arranġamenti amministrattivi ⌫*

1. L-Istati Membri jistgħu, fuq bażi bilaterali, jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi bejniethom dwar id-dettalji prattiċi tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni tiegħu u tikber l-effikaċja tiegħu. Arranġamenti tali jistgħu jirrigwardaw:

(a) skambji ta' uffiċjali ta' liaison;

(b) simplifikazzjoni tal-proċeduri u taqsir tal-limiti ta' żmien fir-rigward ta' trażmissjoni u eżami ta' talbiet biex jittieħed inkarigu ta' jew jittieħdu lura persuni jfittxu l-ażil;

2. L-arranġamenti li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha ⇨ tapprova ⇦ ~~tivverifika li~~ l-arranġamenti li jirreferi għalihom il-paragrafu 1(b), ⌦ wara lit kun ivverifikat li ⌫ ma jiksrux dan ir-Regolament

---

| |
|---|
| 🡻 1560/2003 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*⌦KAPITOLU VIII ⌫*

*Konċiljazzjoni*

*Artikolu ~~14~~35*

*⌦Konċiljazzjoni ⌫*

1. Fejn l-Istati Membri ma jistgħux isolvu tilwima, ~~jew dwar il-bżonn li jitwettaq trasferiment, jew biex jingiebu qraba flimkien fuq il-bażi ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 343/2003, jew dwar l-Istat Membru li fih il-persuni konċernati għandhom jingħaqdu mill-ġdid,~~ ⇨ dwar kwalunke kwestjoni relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ⇦ jistgħu jirrikorru għall-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista mill-paragrafu 2 ~~ta' dan l-Artikolu~~.

2. Il-proċedura ta' konċiljazzjoni għandha tinbeda b'talba minn wieħed mill-Istati Membri fit-tilwima lill-President tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu ~~27~~40 ~~tar-Regolament (KE) Nru 343/2003.~~ Meta jaqblu li jużaw il-proċedura ta' konċiljazzjoni, l-Istati Membri kkonċernati jintrabtu li jagħtu l-ogħla konsiderazzjoni lis-soluzzjoni proposta.

Il-President tal-Kumitat għandu jaħtar tliet membri tal-Kumitat li jirrappreżentaw tliet Stati Membri mhux konnessi mal-affari. Għandhom jirċievu l-argumenti tal-partijiet jew bil-miktub jew verbalment u, wara deliberazzjoni, għandhom jipproponu soluzzjoni fi żmien xahar, fejn meħtieġ wara vot.

Il-President tal-Kumitat, jew id-Deputat tiegħu, għandu jippresjedi d-diskussjoni. Jista' jressaq l-opinjoni tiegħu imma ma jistax jivvota.

Tkunx adottata jew miċħuda mill-partijiet, is-soluzzjoni proposata għandha tkun finali u irrevokabbli.

➔ 343/2003/KE

*KAPITOLU ~~VIII~~IX*

*DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

⇩ ġdid

*Artikolu 36*

*Penali*

L-Istati Membru għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li kull użu ħażin tad-dejta pproċessati skont dan ir-Regolament tkun punibbli minn penali, inklużi penali amministrattivi u/jew kriminali skont il-liġi nazzjonali, li huma effettivi, proporzjonali u dissważivi.

➔ 343/2003/KE (adattat)

*Artikolu ~~24~~37*

*⌦Miżuri tranżitorji ⌫*

~~1. Dan ir-Regolament għandu jissostitwixxi l-Konvenzjoni li tiddetermina l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjonijiet għall-ażil iddepożitati għand wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmat f'Dublin fil-15 ta' Ġunju 1990 (il-Konvenzjoni ta' Dublin).~~

~~2. Madankollu, biex tkun żgurata l-kontinwita tal-arranġamenti biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għal applikazzjoni għall-ażil, f~~Fejn applikazzjoni kienet iddepożitata wara d-data msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu ~~29~~ 44, l-avvenimenti li aktarx jinvolvu r-responsabbilta ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni, ukoll jekk jippreċedu dik id-data, ħlief l-avvenimenti msemmija fl-Artikolu 14(2) ~~10(2).~~

~~3. Fejn, fir-Regolament (KE) Nru 2725/2000 issir referenza għal Konvenzjoni ta' Dublin, referenza tali għandha tittieħed bħala referenza magħmula għal dan ir-Regolament.~~

*Artikolu ~~25~~38*

*⌦Il-kalkolu taż-żmien limitu ⌫*

~~1.~~ Kull perijodu ta' żmien preskritt f'dan ir-Regolament għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

(a) fejn perijodu huwa espress f'jiem, ġimgħat jew xhur għandu jkun ikkalkolat mill-mument li fih avveniment jiġri jew azzjoni ssir, il-jum li matulu dak l-avveniment jiġri jew dik l-azzjoni ssir m'għandux jingħadd bħala li jaqa' fil-perijodu inkwestjoni;

(b) perijodu espress f'ġimgħat jew xhur għandu jintemm bl-iskadenza tal-jum ikun liema jkun fl-aħħar ġimgħa jew xahar li jkun l-istess jum tal-ġimgħa jew jaqa' fl-istess data bħal jum li matulu l-avveniment jew l-azzjoni li minnu l-perijodu għandu jkun ikkolkolat ġara jew saret. Jekk, f'perijodu espress f'xhur, il-jum li fih għandu jiskadi ma jkunx jidher fl-aħħar xahar, il-perijodu għandu jintemm bl-iskadenza tal-aħħar jum ta' dak ix-xahar;

(c) il-limiti ta' żmien għandhom jinkludu s-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel uffiċjali f'kull Stat Membru kkonċernat.

~~2.Talbiet u tweġibiet għandhom jintbagħatu billi jintuża metodu li jipprovdi prova ta' riċeviment.~~

*Artikolu ~~26~~39*

*⌦Ambitu territorjali ⌫*

Sakemm jikkonċerna r-Repubblika Franċiża, dan ir-Regolament għandu japplika biss għat-territorju Ewropew tagħha.

*Artikolu ~~27~~40*

*⌦Kumitat ⌫*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn tintgħamel riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

↓ 1103/2008/KE, pt. 3(4) of the Annex

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkonsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tiegħu.

---

↓ 343/2003/KE (adattat)

*Artikolu ~~28~~41*

*⌦Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ⌫*

Sa l-iktar tard tliet snin wara id-data msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44 ~~29~~, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, għandha tipproponi l-emendi meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, sal-iktar tard sitt xhur qabel jiskadi l-limitu ta' żmien.

⌦Wara ⌫li tkun issottomettiet dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-istess żmien li hija tissottometti rapporti dwar l-implimentazzjoni tas-sistema Eurodac li jipprovdi għalihom l-Artikolu ~~4(5)~~ 28 tar-Regolament (KE) Nru ~~2725/2000~~ [.../...] ⌦ [dwar it-twaqqif tal-"Eurodac" għal-paragun tal-marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin ]⌫.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 42*

*Statistika*

F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat), l-istatistika dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

[36] ĠU L 199, 31.7.2007, p.23

---

| 🡣 |
|---|

*Artikolu 43*
*Tħassir*

Ir-Regolament (KE) 343/2003 hu mħassar.

L-Artikoli 11(1), 13, 14 and 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 huma mħassra.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

---

| 🡣 343/2003/KE(adattat) (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu ~~29~~44*

*⌦Dħul fis-seħħ u applikabbiltà ⌫*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-~~20~~ għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hu għandu japplika għal applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ iddepożitati sa mill-ewwel jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u, minn dik id-data, ikun japplika għal kull talba biex jittieħed inkarigu ta' jew jittieħdu lura persuni jfittxu l-ażil, irrespettivament mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet saret. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ issottomessa qabel dik id-data għandu jkun iddeterminat skont il-kriterji ddikjarati ⌦ fir-Regolament (KE) Nru 343/2003 ⌫ ~~fil-Konvenzjoni ta' Dublin~~.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il- […]

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
*[…]*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[…]*

↑

## ANNESS I

### REGOLAMENT IMĦASSAR (IMSEMMI FL-ARTIKOLU 43)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 343/2003

(ĠU L 50, 25.2.2003)

L-Artikoli 11(1), 13, 14 u 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003

(ĠU L 222, 5.9.2003)

↑

## ANNESS II

### TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Ir-Regolament (KE) 343/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2(a) | Artikolu 2(a) |
| Artikolu 2(b) | imħassar |
| Artikolu 2(c) | Artikolu 2(b) |
| Artikolu 2(d) | Artikolu 2(c) |
| Artikolu 2(e) | Artikolu 2(d) |
| Artikolu 2(f) | Artikolu 2(e) |
| Artikolu 2(g) | Artikolu 2(f) |
| - | Artikolu 2(g) |
| Artikolu 2(h) sa (k) | Artikolu 2(h) sa (k) |
| - | Artikolu 2(l) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 17(1) |

| | |
|---|---|
| Artikolu 3(3) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 3(4) | Artikolu 4(1), parti introduttorja |
| - | Artikolu 4(1)(a) sa (g) |
| - | Artikolu 4(2) u (3) |
| Artikolu 4 (1) sa (5) | Artikolu 20 (1) sa (5) |
| - | Artikolu 20 (5), it-tielet sottoparagrafu |
| - | Artikolu 5 |
| - | Artikolu 6 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 7(2) |
| - | Artikolu 7(3) |
| Artikolu 6, l-ewwel paragrafu | Artikolu 8(1) |
| - | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 6, it-tieni paragrafu | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 7 | Artikolu 9 |
| Artikolu 8 | Artikolu 10 |
| Artikolu 9 | Artikolu 13 |
| Artikolu 10 | Artikolu 14 |
| Artikolu 11 | Artikolu 15 |
| Artikolu 12 | Artikolu 16 |
| Artikolu 13 | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 14 | Artikolu 12 |
| Artikolu 15(1) | Artikolu 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 15(2) | Artikolu 11(1) |
| Artikolu 15(3) | Artikolu 8(2) |
| Artikolu 15(4) | Artikolu 17 (2), ir-raba' sottoparagrafu |
| Artikolu 15(5) | Artikoli 8(5) u 11(2); |

| | |
|---|---|
| Artikolu 16(1)(a) | Artikolu 18(1)(a)-{}- |
| Artikolu 16(1)(b) | Artikolu 18(2) |
| Artikolu 16(1)(c) | Artikolu 18(1)(b) |
| Artikolu 16(1)(d) | Artikolu 18(1)(c) |
| Artikolu 16(1)(e) | Artikolu 18(1)(d) |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 19(1) |
| Artikolu 16(3) | Artikolu 19 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| - | Artikolu 19 (2), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 16(4) | Artikolu 19(3) |
| | Artikolu 19 (3), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 17 | Artikolu 21 |
| Artikolu 18 | Artikolu 22 |
| Artikolu 19(1) | Artikolu 25(1) |
| Artikolu 19(2) | Artikolu 25(2) u Artikolu 26(1) |
| - | Artikolu 26 (2) sa (6) |
| Artikolu 19(3) | Artikolu 28(1) |
| Artikolu 19(4) | Artikolu 28(2) |
| - | Artikolu 28(3) |
| Artikolu 19(5) | Artikolu 28(4) |
| Artikolu 20(1), parti introduttorja | Artikolu 23(1) |
| - | Artikolu 23(2) |
| - | Artikolu 23(3) |
| - | Artikolu 23(4) |
| Artikolu 20(1)(a) | Artikolu 23 (5), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 20(1)(b) | Artikolu 24(1) |
| Artikolu 20(1)(c) | Artikolu 24(2) |

| | |
|---|---|
| Artikolu 20(1)(d) | Artikolu 28 (1), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 20(1)(e) | Artikolu 25(1), (2), Artikolu 26(1), Artikolu 28(1), it-tieni u t-tielet sottoparagrafi; |
| Artikolu 20(2) | Artikolu 28(2) |
| Artikolu 20(3) | Artikolu 23 (5), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 20(4) | Artikolu 28(4) |
| - | Artikolu 27 |
| - | Artikolu 29 |
| - | Artikolu 30 |
| - | Artikolu 31 |
| Artikolu 21 (1) sa (9) | Artikolu 32(1) sa (9) l-ewwel sat-tielet sottoparagrafu |
| | Artikolu 32 (9), ir-raba' sottoparagrafu |
| Artikolu 21 (10) sa (12) | Artikolu 32 (10) sa (12) |
| Artikolu 22(1) | Artikolu 33(1) |
| - | Artikolu 33(2) |
| - | Artikolu 33(3) |
| Artikolu 22(2) | Artikolu 33(4) |
| Artikolu 23 | Artikolu 34 |
| Artikolu 24(1) | imħassar |
| Artikolu 24(2) | Artikolu 37 |
| Artikolu 24(3) | imħassar |
| Artikolu 25(1) | Artikolu 38 |
| Artikolu 25(2) | imħassar |
| Artikolu 26 | Artikolu 39 |
| Artikolu 27(1), (2) | Artikolu 40(1), (2) |
| Artikolu 27(3) | imħassar |
| Artikolu 28 | Artikolu 41 |

| | |
|---|---|
| Artikolu 29 | Artikolu 44 |
| - | Artikolu 35 |
| - | Artikolu 36 |
| - | Artikolu 42 |
| - | Artikolu 43 |

| **Ir-Regolament (KE) 1560/2003** | **Dan ir-Regolament** |
|---|---|
| Artikolu 11(1) | Artikolu 11(1) |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 17 (2), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 17 (2), it-tielet sottoparagrafu |
| Artikolu 13(4) | Artikolu 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 14 | Artikolu 35 |
| Artikolu 17(1) | Artikolu 9, 10, 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 17(2) | Artikolu 32(3) |